# KAPITOLU 605

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI

*ATT biex jirriforma l-liġi dwar l-edukazzjoni f'Malta.*

1 ta' Jannar, 2021*
1 ta' Ottubru, 2021†
1 ta' Marzu, 2022‡

*ATT XXIX tal-2019.*

TAQSIM TAL-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| | Preliminari | 1 - 2 |
| Taqsima I | Dispożizzjonijiet Ġenerali | 3 - 10 |
| Taqsima II | Tifsil u Funzjonijiet tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni | 11 - 20 |
| Taqsima III | Liċenzji biex jiġu stabbiliti Skejjel, Ċentri ta' Ħarsien għat-Tfal u biex tingħata edukazzjoni fid-dar | 21 - 31 |
| Taqsima IV | Skejjel tal-Istat | 32 - 45 |
| Taqsima V | Edukazzjoni d-Dar | 46 - 48 |
| Taqsima VI | Entitajiet Edukattivi | 49 - 57 |
| Taqsima VII | Reati u Pieni | 58 - 63 |
| Taqsima VIII | Mixxellanji | 64 - 71 |

SKEDA Dipartimenti tal-Edukazzjoni


### Preliminari

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar l-Edukazzjoni.

Tifsir.

**2.** F'dan l-Att sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"akkreditament" tfisser approvazzjoni formali mill-awtorità kompetenti taħt dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħtu, li l-konvenjenza għat-tħaddim ta' skola u, jew ta' ċentru ta' ħarsien għat-tfal jew ta' programm ta' edukazzjoni tikkonforma mal-kriterji biex wieħed jopera skont standards ta' kwalità u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att u, jew kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu;

"assikurazzjoni ta' kwalità" tirreferi għal proċess wieħed jew aktar li jipproteġi l-kwalità ta' edukazzjoni fil-livelli kollha fi ħdan il-kuntest ekonomiku, soċjali u kulturali, fuq livell nazzjonali, Ewropew

---

*Ara l-Avviżi Legali 30 tal-2021 u 31 tal-2021.
†Ara l-Avviż Legali 374 tal-2021.
‡Ara l-Avviż Legali 479 tal-2021.

u internazzjonali, u jiżgura l-użu ta' miżuri xierqa bħala mezzi biex titjieb il-kwalità tat-tisħiħ, ta' tmexxija, ta' tagħlim, ta' taħriġ u ta' riċerka tal-istudenti;

"Bord", ħlief fejn definit mod ieħor, tfisser il-Bord għal Materji dwar l-Edukazzjoni stabbilit bl-artikolu 64;

"ċentru ta' ħarsien għat-tfal" tfisser istituzzjoni li tipprovdi servizzi ta' edukazzjoni u ta' ħarsien lil tfal tal-età bejn ġurnata u tliet (3) snin;

"detentur ta' liċenzja" tfisser persuna li f'isimha tinħareġ liċenzja;

"Dipartiment" tfisser kwalunkwe dipartiment elenkat fl-Iskeda;

"Direttur Ġenerali" tfisser direttur ġenerali ta' Dipartiment tal-Edukazzjoni maħtur skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13;

"Diviżjoni" tfisser id-Diviżjoni responsabbli għall-edukazzjoni stabbilita bl-artikolu 11(1);

"edukatur" tfisser, għall-finijiet ta' dan l-Att, kapijiet ta' dipartimenti, kapijiet ta' skola, assistenti kapijiet ta' skola, uffiċjali tal-edukazzjoni, għalliema, edukaturi f'kindergarten u edukaturi ta' għajnuna fit-tagħlim;a

"edukatur id-dar" tfisser kull persuna, inkluż il-ġenitur tat-tifel jew tifla, li jkollu warrant ta' għalliem maħruġ taħt l-artikolu 11 tal-Att dwar il-Professjonijiet tat-Tagħlim u l-Professjonijiet Imnisslin Minnhom li jkun debitament awtorizzat li jipprovdi tagħlim fid-dar lil tifel jew tifla skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III; Kap.606.

"edukazzjoni d-dar" tfisser l-edukazzjoni progressiva ta' minuri provduta jew organizzata mill-ġenitur tiegħu li biha edukatur id-dar jipprovdi tagħlim lill-minuri, bi spejjeż tal-ġenitur, minflok edukazzjoni statali jew mhux tal-Istat skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III u regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, u "programm ta' edukazzjoni d-dar" għandha tinftiehem skont hekk;

"edukazzjoni inklużiva" tirreferi għall-valutazzjoni u l-aċċettazzjoni tad-diversità u d-drittijiet ta' min qed jitgħallem mhux biss li jattendu skejjel konvenzjonali, iżda li wkoll jappartjenu għal dawk l-iskejjel bħala membri ta' valur permezz tal-parteċipazzjoni attiva tal-membri kollha ta' kull min qed jitgħallem u li tirriduċi l-barrieri li jistgħu jwasslu għal esklużjoni mill-kurrikuli tal-iskola, kulturi u l-komunità;

"entità" tinkludi diviżjoni, kulleġġ u kull direttorat, aġenzija jew organizzazzjoni oħra li tista' titwaqqaf bis-saħħa ta' dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu, jew taħt kull liġi oħra, u "entitajiet" għandha tinftiehem b'dan il-mod;

"estimi ġenerali" tfisser l-estimi ppreżentati lill-Kamra fir-rigward ta' xi sena finanzjarja, tal-infiq għas-servizz ta' dik is-sena finanzjarja u jinkludu kull estimi supplimentari ta' nfiq li għalihom jista' jkun meħtieġ li jsir provvediment wara li dawk l-estimi jkunu diġà ppreżentati lill-Kamra u f'dan il-kuntest "sena finanzjarja" għandu jkollha l-istess tifsira li għandha għall-finijiet tal-Kostituzzjoni;

"età ta' skola obbligatorja" tfisser kull età minn ħames (5) snin sa ħmistax-il (15) sena, it-tnejn inklużi, u b'dan il-mod persuna titqies li tkun ta' età ta' tagħlim obbligatorju jekk tkun laħqet għalqet l-età ta' ħames (5) snin u ma laħqetx għalqet l-età ta' sittax-il (16) sena jew għad ma lestietx għal kollox l-aħħar sena tal-iskola sekondarja;

"funzjoni" tinkludi kull responsabbiltà, setgħa u dmir;

"ġenitur" tfisser il-missier jew l-omm u tinkludi kull persuna li għandha taħt il-ħarsien u l-kustodja tagħha, sew jekk legali sew jekk attwali, tat-tifel;

"Gvern" tfisser il-Gvern ta' Malta;

"ħtiġiet individwali" tfisser ħtiġiet u kull diffikultà ta' natura fiżika, sensorja, intellettwali jew psikosoċjali;

"impjieg" tinkludi impjieg f'kull ħidma jew xogħol li jitwettaq permezz ta' sengħa jew bi qligħ, kemm jekk il-qligħ ikun għall-persuna impjegata jew għal xi persuna oħra, u kemm jekk il-ħidma jew xogħol isiru għal paga jew kumpens ieħor kemm jekk le, u "biex timpjega" għandha tinftiehem b'dan is-sens;

"jum skolastiku" tfisser kull jum f'sena skolastika li ma jkunx vaganza tal-iskola jew vaganza pubblika;

"Kap tan-Network tal-Kulleġġi" tfisser il-persuna naturali li tmexxi u tamministra Kulleġġ skont l-artikolu 32(2);

"kindergarten" tfisser istituzzjoni li tipprovdi edukazzjoni għal tfal tal-età ta' tliet (3) snin sa ħames (5) snin;

"kondizzjonijiet minimi nazzjonali" tfisser il-kondizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha msemmijin fl-artikolu 5;

"Kulleġġ" tfisser Kulleġġ ta' Skejjel tal-Istat kif previst fit-Taqsima IV;

"kurrikulu" tfisser il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għall-iskejjel kollha f'livell edukattiv pre-obbligatorju u obbligatorju;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, u tinkludi, fil-limiti ta' kull awtorità mogħtija, kull persuna li tkun awtorizzata speċifikament mill-Ministru għal xi għan ta' dan l-Att, u

"Ministeru" għandha tinftiehem skont hekk;

"preskritt" tfisser preskritt permezz ta' xi regolament, statut, regola jew ordinament;

"Qafas Malti tal-Kwalifiki" tfisser il-qafas nazzjonali għal tagħlim tul il-ħajja, li huwa l-għodda nazzjonali għall-iżvilupp u l-klassifikazzjoni tal-kwalifiki skont sett ta' kriterji, stabbiliti permezz ta' identifikaturi u applikabbli għal sett ta' valuri differenti, kif previst b'dan l-Att jew kull regolament magħmul taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra;

"rimunerazzjoni" tinkludi kumpens fi kwalunkwe forma kemm jekk fi flus jew in natura;

"sena finanzjarja" tfisser perjodu ta' tnax-il (12) xahar li jagħlaq fil-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru ta' kull sena:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-Att l-ewwel sena finazjarja fir-rigward ta' xi entità għandha tikkonsisti fil-perjodu li jibda jseħħ mid-data tal-bidu fis-seħħ tal-artikoli relattivi ta' dan l-Att relatati ma' tali entità, u jagħlaq fil-wieħed u tletin (31) jum ta' Diċembru tas-sena ta' wara;

"sena skolastika" tfisser dak il-perjodu determinat bħala sena skolastika fil-kondizzjonijiet minimi nazzjonali;

"skola" tfisser istituzzjoni li r-riżorsi tagħha, kemm ta' persuni kif ukoll ta' oġġetti, huma mħaddma biex jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni oħrajn permezz tat-tixrid tal-għerf, u għandha tinkludi skola li tipprovdi edukazzjoni f'kindergarten;

"skola liċenzjata" tfisser skola li tkun ingħatat liċenzja biex topera skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att u, jew regolamenti magħmulin taħtu;

"spazju edukattiv" tfisser kull post fejn studenti jattendu għal programm edukattiv jew parti minnu, mogħti minn prattikant fl-edukazzjoni u, jew minn istituzzjoni;

"standards ta' kwalità" tfisser id-dettalji dwar l-aspettativi, id-diversi linji gwida u l-karatteristiċi sabiex jintlaħqu l-istruttura, il-proċess u r-riżultati kwalitattivi mill-provdiment tas-servizz għall-finijiet li jintlaħaq l-għan tal-proċess jew servizz;

"student" tfisser minuri ta' età ta' skola pre-obbligatorja u ta' età ta' skola obbligatorja reġistrat f'ċentru ta' ħarsien għat-tfal jew fi skola;

"tagħlim tul il-ħajja" tinkludi kull għamla ta' attivitajiet ta' tagħlim li individwu jesperjenza tul ħajtu, bil-għan li jakkwista u jtejjeb attitudnijiet, valuri, għerf, ħiliet u kompetenzi, u jakkwista

kwalifiki li jsaħħu d-dimensjoni personali u soċjali tal-individwu kif ukoll il-prospetti ta' karriera aħjar;

"uffiċjal" u "impjegat" jinkludu uffiċjal pubbliku li jkun tqabbad biex iwettaq dmirijiet ma' xi entità stabbilita taħt dan l-Att;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

TAQSIMA I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

**3.** Kull persuna ta' età ta' skola obbligatorja li tirrisjedi f'Malta għandha d-dritt ta' aċċess għal edukazzjoni mingħajr ebda distinzjoni ta' età, sess, reliġjon jew twemmin, mezzi ekonomiċi, razza jew oriġini etnika, opinjoni politika, diżabilità, kulur, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru. Dritt għall-edukazzjoni.

**4.** (1) Huwa d-dmir tal-Istat - Obbligi tal-Istat.

(a) li jippromwovi l-edukazzjoni f'Malta bbażata fuq il-valuri ta' demokrazija, inklużjoni, diversità, ċittadinanza attiva, ħsieb kritiku, imġiba responsabbli u kondotta etika; u

(b) li jiżgura l-eżistenza ta' sistema ta' skejjel u istituzzjonijiet edukattivi oħrajn f'Malta li taħseb għall-iżvilupp sħiħ tal-personalità kollha tal-persuna u t-tisħiħ ġenerali tagħha inkluża l-abbiltà tagħha li taħdem.

(2) B'mod partikolari, għandu jkun id-dmir tal-Istat -

(a) li jiżviluppa u jimplimenta politika edukattiva bbażata fuq il-valuri li jinsabu fis-subartikolu (1);

(b) li jistabbilixxi tali faċilitajiet edukattivi li jitqiesu neċessarji biex ifornu l-istudenti bil-għerf, ħiliet u kompetenzi meħtieġa biex jieħdu l-aħjar li jistgħu mill-opportunitajiet globali u li jilqgħu għall-isfidi ta' soċjetà u ekonomija tal-lum u ta' għada;

(ċ) li jiżgura t-tagħlim tal-qofol tal-kurrikulu kif stabbilit fil-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu;

(d) li jiżgura li jkunu jeżistu ċentri ta' ħarsien u edukazzjoni minn tfulija bikrija;

(e) li jipprovdi għal edukazzjoni ta' tfal ta' età ta' skola obbligatorja;

(f) li jiżgura l-provdiment ta' edukazzjoni post-obbligatorja u terzjarja għal studenti li jkunu lestew l-

edukazzjoni sekondarja tagħhom;

(g) li jippromwovi t-tagħlim tal-arti liberali u espressiva, ix-xjenza, il-lingwi, it-teknoloġija, l-edukazzjoni vokazzjonali u *sports* fost l-istudenti kollha.

Dritt tal-Istat li jirregola l-edukazzjoni.

**5.** Ikun id-dritt tal-Istat:

(a) li jimplimenta l-Qafas għal Strateġija Edukattiva għal Malta;

(b) li jimplimenta il-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu għal studji fl-iskejjel kollha fil-livell edukattiv pre-obbligatorju u obbligatorju u l-kondizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha;

(ċ) li jistabbilixxi il-kondizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha u li jiżgura l-osservanza ta' tali kondizzjonijiet min-naħa ta' detenturi ta' liċenzja;

(d) li jiżgura l-konformità mal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu ta' studji; u

(e) li jiżgura l-għoti ta' edukazzjoni inklużiva u ekwa ta' kwalità mill-provdituri kollha fis-settur tal-edukazzjoni:

Iżda, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istat fuq imsemmija, l-Istat jirrikonoxxi d-dritt ta' skejjel mhux statali li jkollhom il-karattru, l-identità, l-*ethos* u l-awtonomija individwali tagħhom.

Obbligi tal-ġenituri.

**6.** Għandu jkun obbligu ta' kull ġenitur ta' minuri -

(a) li jiżgura li l-minuri jirċievi l-edukazzjoni kollha neċessarja għall-iżvilupp tal-personalità kollha tiegħu, inkluż l-abbiltà tiegħu li jaħdem u li jkun ċittadin attiv;

(b) li jiżgura l-motivazzjoni tal-minuri għall-edukazzjoni;

(ċ) li jiżgura d-dispożizzjoni tiegħu għal imġiba tajba u dixxiplina;

(d) li jara li l-minuri jiġi rreġistrat fi skola għall-ewwel sena skolastika u waqt il-perjodu li jkun fl-età ta' skola obbligatorja, hekk iżda li l-Ministru jista', permezz ta' regolamenti, jipprovdi għal każijiet speċjali, inkluż meta l-minuri ma jkunx residenti fil-gżejjer Maltin;

(e) li jiżgura li l-minuri jattendi l-iskola f'kull jum skolastiku waqt il-perjodu li jkun fl-età ta' skola obbligatorja,

jew sa tmiem perjodu itwal skont kif il-Ministru jista' jippreskrivi permezz ta' regolamenti, għajr meta l-minuri jkollu kawża tajba u sufficjenti li jassenti ruħu mill-iskola;

(f) li jikkoopera bi sħiħ u b'rispett xieraq mal-Kap tal-Iskola u l-istaff kollu tal-iskola li jkun jattendi l-minuri; u

(g) li jkun konformi mal-politika maħruġa mid-Diviżjoni, mill-Kulleġġ u mill-iskola.

Drittijiet tal-ġenituri.

**7.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, huwa d-dritt ta' kull ġenitur ta' minuri li jiddeċiedi rigward kull materja li tikkonċerna l-edukazzjoni tal-minuri, sakemm deċiżjoni bħal din tkun fl-aħjar interessi tal-minuri bi qbil ma' artikolu 8(1).

L-aqwa interessi edukattivi tal-minuri.

**8.** (1) Deċiżjonijiet li jirrigwardaw materji li jolqtu l-edukazzjoni ta' minuri għandhom ikunu msejsa primarjament fuq l-aqwa interessi edukattivi tal-minuri b'rispett xieraq lejn l-interessi ta' studenti oħrajn li jkunu jattendu l-istess skola bħall-minuri u l-ħidma effettiva u efficjenti kontinwa tal-iskola:

Iżda l-Bord għandu, fid-deċiżjonijiet tiegħu, jiżgura li tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-prinċipji stabbiliti fl-artikolu 4(1)(a).

(2) Fejn il-Kap ta' Skola ta' skola statali, permezz tal-Kap tan-Network tal-Kulleġġi, li fiha jkun reġistrat il-minuri, jemmen li d-deċiżjoni tal-ġenitur jew ġenituri tal-minuri dwar xi materja li tikkonċerna l-edukazzjoni tal-minuri ma tkunx taqbel mal-prinċipju stabbilit fis-subartikolu (1), huwa għandu malajr kemm jista' jkun iwassal dan għall-attenzjoni tad-Diviżjoni:

Iżda fejn ikunu ġew ikkunsidrati u ppruvati s-soluzzjonijiet raġonevoli kollha, jekk applikabbli, f'dak il-każ, id-Diviżjoni tista', jekk jidhrilha xieraq li hekk tagħmel wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, tagħmel applikazzjoni lill-Bord biex tittieħed deċiżjoni dwar il-materja.

(3) Il-Bord għandu, wara li jagħti lid-Diviżjoni u lill-ġenituri tal-minuri l-opportunità li jgħaddu s-sottomissjonijiet tagħhom b'mod u f'dak iż-żmien li jista' jiġi ffissat mill-Bord, u wara li jisma' lill-minuri u xi persuni oħra, jieħu deċiżjoni fuq il-materja.

(4) Tista' ssir ukoll applikazzjoni lill-Bord minn xi ġenitur għal deċiżjoni rigward kull materja li tikkonċerna l-edukazzjoni tal-minuri fejn ma jkunx possibbli li jinkiseb il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor tal-minuri jew fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri tal-minuri dwar kull materja li tkun tikkonċerna l-edukazzjoni tal-minuri. Il-Bord għandu, wara li jagħti lill-ġenituri tal-minuri l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom b'tali mod u fi żmien li jista' jiġi ffissat mill-Bord, u, jekk iqis xieraq, wara li jisma' lill-minuri u xi

persuni oħrajn, jieħu deċiżjoni fuq il-materja:

Iżda fejn ma jkunx magħruf fejn joqgħod xi ġenitur minnhom, ma jkunx hemm bżonn li dan il-ġenitur jingħata l-opportunità li jagħmel sottomissjonijiet.

(5) Il-Kap tal-Iskola u l-ġenituri tal-minuri għandhom jiżguraw li d-deċiżjoni tal-Bord titwettaq.

(6) Jekk ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi, il-ġenituri u, jew il-Kap tal-Iskola jistgħu jirreferu l-każ lill-Bord għal reviżjoni.

Dmirijiet tal-iskejjel.

**9.** Ikun dmir tal-iskejjel:

(a) li jilħqu l-għan tal-istrateġija edukattiva għal Malta u l-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu skont il-potenzjal u l-ħiliet varji ta' studenti li jkunu jattendu hemmhekk u skont l-*ethos*, l-identità u l-karattru tal-iskola partikolari, u li jiżguraw li l-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu jissarraf f'kurrikulu xieraq, programmi, pedagoġiji u valutazzjonijiet għall-istudenti permezz ta' pjan ta' żvilupp skolastiku adegwat u li jaraw li dawn jiġu implimentati;

(b) li jħarsu u jiżguraw osservanza tal-kondizzjonijiet minimi nazzjonali stabbiliti għall-iskejjel;

(ċ) li jistabbilixxu kultura ta' tagħlim għal tul il-ħajja u kondizzjonijiet li jwasslu għal tagħlim ta' kwalità effettiva u tagħlim imsejjes fuq il-valuri li jinsabu fl-artikolu 4(1);

(d) li jippromwovu livelli għoljin ta' tagħlim b'kollaborazzjoni ma' edukaturi, studenti u kumitati tal-ġenituri fi spirtu ta' responsabbiltà kollettiva;

(e) li jinkoraġġixxu l-involviment u l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti;

(f) li jistabbilixxu ambjent ta' tagħlim sigur u inkluživ;

(g) li jiżguraw kondotta tajba minn kull persuna fil-bini tal-iskola;

(h) li jiżguraw l-użu ta' dixxiplina pożittiva;

(i) li jivvalutaw lilhom infushom, jikkonsultaw u jidħlu fi djalogu biex jidentifikaw il-ħtiġiet tal-edukaturi, studenti u ġenituri permezz ta' approċċi ċentrali għall-finijiet tal-ippjanar tal-iżvilupp tal-iskola;

(j) li jistabbilixxu tmexxija u maniġġjar tajbin u li jippromwovu kultura ta' tim fost il-grupp maniġerjali anzjan u

l-istaff tal-iskola permezz ta' kooperazzjoni, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam ma' inizjattivi, sfidi u problemi relatati mal-iskola kollha kemm hi;

(k) li jippromwovu l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-edukaturi;

(l) li jistabbilixxu kultura li twassal għal sħubija effettiva bejn id-dar u l-iskola; u

(m) li jiżviluppaw rwol attiv fi ħdan il-komunità, u li jinkoraġġixxu l-involviment u l-parteċipazzjoni tal-komunità.

Il-Ministru jirrappreżenta lill-Istat.

**10.** Kull fejn, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, dritt jew obbligu ikun vestit fi jew impost fuq l-Istat, dak id-dritt jew dmir għandu jiġi eżerċitat jew imwettaq mill-Ministru.

TAQSIMA II

Tifsil u Funzjonijiet tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni

Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

**11.** (1) Għandu jkun hemm Diviżjoni tal-Edukazzjoni, li tkun magħmula minn Dipartimenti li jkunu elenkati fl-Iskeda, kif il-Ministru jista' jiddeċiedi minn żmien għal żmien.

(2) Il-Ministru jista' jemenda l-Iskeda msemmija u jistabbilixxi jew ineħħi kull Dipartiment kif jidhirlu li jkun meħtieġ permezz ta' Ordni fil-Gazzetta.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull Dipartiment għandu jaqa' taħt ir-responsabbiltà, il-gwida u l-amministrazzjoni ta' Direttur Ġenerali li jkun responsabbli għall-immaniġġar eżekuttiv, amministrazzjoni u kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tad-Diviżjoni.

(4) Il-funzjonijiet tad-Diviżjoni għandhom jiġu esegwiti b'dak il-mod li jkun determinat mill-Ministru, kif jidhirlu xieraq, minn żmien għal żmien.

Funzjonijiet tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

**12.** (1) Il-funzjonijiet tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) li tiġi implimentata kull ħaġa meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet u jitwettqu d-dmirijiet tal-Istat taħt l-artikoli 4 u 5, taħt id-direzzjoni ġenerali tal-Ministru;

(b) li jiġi żgurat li t-tfal kollha ta' età ta' skola obbligatorja huma reġistrati fi u debitament jattendu l-iskola;

(ċ) li jiġu regolati, stabbiliti, sorveljati u assigurati standards u kwalità fil-programmi u fis-servizzi edukattivi provduti minn skejjel f'Malta, kemm jekk skejjel statali jew le;

u

(d) li tiġi żgurata l-ħidma effettiva u effiċjenti u t-tqassim ta' servizzi lill-iskejjel Statali fi ħdan qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija.

(2) B'mod partikolari d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għandha:

(a) b'mod ġenerali tirregola, tiggwida, tevalwa, tivverifika, tirriċerka u tirrapporta dwar l-elementi diversi u r-riżultati tas-sistema edukattiva pre-obbligatorja u obbligatorja bl-iskop li tiżgura edukazzjoni ta' kwalità u ekwa għal kulħadd u tippromwovi prattiċi tajbin f'kull attività li tirrigwarda din l-edukazzjoni f'qafas kurrikulari nazzjonali ta' tagħlim tul il-ħajja;

(b) tistabbilixxi u perjodikament tirrevedi standards u *policies* b'rispett sħiħ għall-karattru, l-identità u l-awtonomija ta' kull skola;

(ċ) perjodikament tirrevedi l-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu u tipproponi lill-Ministru xi bidliet meħtieġa għal dak il-Qafas;

(d) tipprovdi l-linji gwida meħtieġa, fost affarijiet oħra, għall-aħjar twettiq tal-politika u servizzi edukattivi, inkluż għall-iżvilupp tal-pjan ta' kull skola, is-sillabi, l-istabbiliment ta' standards, l-assessjar tal-prestazzjoni, u eżamijiet;

(e) twettaq reviżjonijiet esterni li jikkumplimentaw r-reviżjoni interna sabiex tipprovdi gwida, monitoraġġ, spezzjoni, valutazzjoni u rappurtar dwar it-tmexxija edukattiva, il-proċess ta' tagħlim, l-applikazzjoni tal-kurrikulu, it-tisħiħ tal-istudenti, programmi jew sillabi ta' tagħlim u valutazzjoni, pedagoġija assessjar u eżamijiet bir-rispett sħiħ għall-karattru, identità u awtonomija tal-iskola;

(f) tkun responsabbli għall-osservanza u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' liġijiet u regolamenti li jirrigwardaw materji relatati mal-edukazzjoni;

(g) tirċievi u tipproċessa applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' liċenzja biex għall-ftuħ ta' ċentru ta' ħarsien għat-tfal u, jew ta' skola;

(h) tara li qed jiġu osservati l-ħin kollu l-kondizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha u tinvestiga u tieħu l-passi meħtieġa dwar kull ħaġa li dwarha tista' tigi kkunsidrata mid-dipartiment rilevanti s-sospensjoni jew it-teħid lura ta' liċenzja ta' skola, u tieħu deċiżjonijiet dwar

is-sospensjoni jew it-teħid lura ta' liċenzja ta' skola;

(i) tirċievi, tikkunsidra u tiddeċiedi dwar applikazzjonijiet ta' ġenituri li jixtiequ jipprovdu tagħlim fid-dar għal uliedhom minn għalliem li jkollu warrant maħruġ taħt l-artikolu 11 tal-Att dwar il-Professjonijiet tat-Tagħlim u l-Professjonijiet Imnisslin Minnhom, minflok l-edukazzjoni pprovduta fi skola; Kap. 606.

(j) timponi tali kondizzjonijiet li jidhrilha raġonevoli u xierqa meta tiġi biex taċċetta applikazzjonijiet bħal dawn kif hemm referenza għalihom fil-paragrafu (i);

(k) twettaq monitoraġġ fuq kull programm ta' tagħlim fid-dar awtorizzat u tiżgura li l-kwalità tat-tagħlim offruta fi programmi bħal dawn tkun ta' standard xieraq;

(l) tiżgura li kull kondizzjoni imposta kif imsemmi fil-paragrafu (j) qed tiġi osservata;

(m) tawtorizza kull tali persuna li jkollha l-kwalifiki meħtieġa biex tagħmel xogħol ta' edukatur fid-dar;

(n) tipprovdi linji gwida għall-implimentazzjoni xierqa ta' programmi ta' tagħlim fid-dar u tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti;

(o) tirregola, kif jidhrilha xieraq, l-użu ta' faċilitajiet sportivi, laboratorji, *workshops* u faċilitajiet anċillari oħra ta' kumplessi ta' skejjel u kulleġġi għal studenti li jkunu qed jiġu mgħallma d-dar;

(p) tipprovdi akkreditament għal edukazzjoni sal-età ta' skola obbligatorja sal-livell tlieta (3) tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

(q) tiżgura li kull informazzjoni, data u statistika meħtieġa għat-tfassil, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' politika, strateġiji, linji gwida u direttivi fl-edukazzjoni jkunu riċerkati, miġbura, kompilati u analizzati u, bla ħsara għal kull liġi oħra, tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex dawn ikunu aċċessibbli għal kull min ikun involut u li jista' jkollu xi interess fihom;

(r) tippjana, tipprovdi u talloka riżorsi, umani u oħrajn, servizzi u għodod ta' tagħlim, kemm ta' natura pedagoġika, kif ukoll psikoloġika, maniġerjali u operattiva u għodod oħrajn ta' għajnuna anċillari, kif meħtieġa fl-iskejjel Statali u f'istituzzjonijiet Statali ta' edukazzjoni;

(s) tippromwovi, tinkoraġġixxi u tissorvelja fuq il-governanza demokratika ta' skejjel permezz ta' Kunsilli tal-Iskejjel bil-parteċipazzjoni attiva ta' ġenituri, għalliema u studenti;

(t) tippromwovi, issostni, tikkoordina u tiżgura s-servizzi u inizjattivi għal tagħlim tul il-ħajja, inklużi inizjattivi edukattivi u kulturali fi ħdan il-komunità, tagħlim bil-kompjuter u tagħlim b'korrispondenza, tagħlim għall-adulti, klassijiet ta' filgħaxija u inizjattivi oħrajn relatati ma' edukazzjoni u servizzi kumplimentari għal persuni li jkollhom diffikultajiet speċifiċi ta' tagħlim;

(u) tipprovdi r-riżorsi meħtieġa għal programmi edukattivi inklużivi u speċjali u għal skemi oħrajn relatati ma' ħtiġiet edukattivi individwali;

(v) tiżgura t-twassil u l-koordinazzjoni ta' servizzi ta' gwida għal karriera u vokazzjoni, inklużi l-implimentazzjoni ta' programmi mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili bil-għan li jwassal għal kongruwenza aktar armonjuża bejn skola u post tax-xogħol u assistenza fl-istadji ta' tranżizzjoni, fosthom dawk mill-iskola għax-xogħol;

(w) tiżgura l-għoti ta' servizzi meħtieġa biex jiġġeneraw kultura ta' rispett għal kulħadd u b'mod effettiv tittratta kwistjonijiet ta' imġiba tajba u dixxiplina, ta' abbuż tat-tfal, ta' bbuljar u ta' abbuż mid-droga;

(x) tippromwovi s-saħħa fiżika u mentali tal-istudenti permezz ta' informazzjoni dwar u promozzjoni tas-saħħa, servizzi ta' screening mediku u programmi ta' stil ta' għajxien tajjeb komplet fiżiku, mentali u soċjali;

(y) tamministra għajnuna Statali għall-iskejjel mhux Statali;

(z) iżżomm djalogu effettiv ma' kull min huwa involut fis-sistema edukattiva u timmira għal kunsens mill-aktar wiesa' possibbli dwar kull materja li tista' tkun ta' rilevanza għall-edukazzjoni;

(aa) tikkoopera ma' istituzzjonijiet lokali u barranin, u tinkoraġġixxi u tiffaċilita parteċipazzjoni aħjar fi programmi, boroż ta' studju, u l-iskambju internazzjonali ta' studenti u persunal, partikolarment fl-istituzzjonijiet u fil-programmi tal-Unjoni Ewropea;

(ab) tipprepara kull linja gwida, statistika, jew strateġija meħtieġa skont kif ikun mitlub mill-Ministru għall-implimentazzjoni aħjar tal-politika edukattiva u l-provdiment

ta' servizzi edukattivi;

(aċ) b'mod ġenerali tagħti pariri lill-Ministru fuq kull aspett relatat mal-edukazzjoni u twettaq kull funzjoni oħra li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jassenja lid-Diviżjoni;

(ad) timplimenta kull materja meħtieġa għat-twettiq xieraq ta' kull dispożizzjoni ta' dan l-Att; u

(ae) twettaq kull funzjoni oħra skont kif ikun meħtieġ għall-ksib tal-objettivi u t-twettiq tad-dmirijiet li jappartjenu lill-Istat kif previst f'dan l-Att.

Ħatra ta' Diretturi Ġenerali.

**13.** Id-Diretturi Ġenerali tad-dipartimenti tal-Edukazzjoni jkunu maħtura mill-Prim Ministru għal perjodu ta' tliet (3) snin taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif jistgħu jkunu mniżżlin fl-ittra tal-ħatra. Il-ħatra ta' Direttur Ġenerali għandha ssir wara sejħa li għaliha jistgħu japplikaw dawk il-persuni kollha li jkollhom il-kwalifiki, l-esperjenza edukattiva u l-kwalitajiet neċessarji għall-immaniġġar ta' dawn id-dipartimenti. Mat-terminu tal-kariga, kull persuna tista' terġa' tiġi maħtura mill-ġdid għal perjodu jew perjodi oħra.

Dritt għal informazzjoni.

Kap. 586.

**14.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa mogħtija b'dan l-artikolu u d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti bis-saħħa tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni tista' titlob, tiġbor u tivverifika kull informazzjoni, data u statistiċi, kif jista' jkun meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

(2) Id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni kollha li skejjel, Statali u mhux Statali, jistgħu jkollhom, u tkun intitolata li titlob u takkwista d-data kollha li tkun teħtieġ biex twettaq il-funzjonijiet tagħha minn studenti, ġenituri, staff u minn korpi tal-eżamijiet, u din id-data għandha tingħata lid-Diviżjoni fi żmien xieraq mid-data tat-talba.

Kap. 586.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa mogħtija b'dan l-artikolu u d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti bis-saħħa tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, id-Diviżjoni għandu jkollha aċċess għal statistiċi oħra u data ta' natura personali, ekonomika u soċjali kif teħtieġ sabiex tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att.

Uffiċjali tal-Edukazzjoni u uffiċjali oħra.

**15.** Id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għandu jkollha tali uffiċjali tal-edukazzjoni u uffiċjali oħra fi ħdan kull wieħed mid-dipartimenti tagħha kif ikun meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tad-Diviżjoni u għall-implimentazzjoni ġenerali ta' dan l-Att u ta' regolamenti magħmulin taħtu.

Dipartiment responsabbli għar-regolamentazzjoni ta' edukazzjoni pre-obbligatorja u obbligatorja.

**16.** (1) Għandu jkun hemm Dipartiment li jkun responsabbli biex jirregola l-edukazzjoni pre-obbligatorja u obbligatorja permezz tat-twaqqif, il-monitoraġġ u l-assigurar ta' standards u kwalità fis-servizzi u programmi edukattivi provduti minn skejjel u ċentri ta' ħarsien għat-tfal, kemm statali kemm le, kif previst f'dan l-Att u f'regolamenti magħmulin taħtu. B'mod partikolari, dan id-Dipartiment għandu jwettaq il-funzjonijiet imsemmija fl-artikolu 12(2)(a) sa (p).

(2) Dan id-Dipartiment ikun indipendenti u awtonomu fl-operat tiegħu.

(3) Id-Dipartiment jista', sabiex jagħti gwida prattika f'materji li jirrigwardaw spezzjonijiet taħt l-artikolu 17 u investigazzjonijiet taħt l-artikolu 18 u sabiex jistabbilixxi l-prattiċi fir-rigward ta' dawk il-materji, minn żmien għal żmien jipprepara, japprova u joħroġ tali kodiċijiet ta' prattika kif fil-fehma tiegħu huma xierqa għal dawk l-għanijiet.

Setgħa ta' dħul u spezzjon.

**17.** (1) Uffiċjali tad-Diviżjoni debitament awtorizzati jkollhom is-setgħa li jidħlu, fi kwalunkwe ħin, mingħajr avviż minn qabel, f'kull skola, ċentru ta' ħarsien għat-tfal, klassi jew post fejn jingħata tagħlim, u jispezzjonaw u jirrappurtaw dwar il-proċess ta' tagħlim, it-tmexxija edukattiva, programmi ta' tagħlim u ta' assessjar, tisħiħ tal-istudenti, l-ambjent fiżiku, u l-osservanza tal-kundizzjonijiet, standards, politika u regolamenti stabbiliti u magħmulin bis-saħħa ta' dan l-Att.

(2) Skejjel, ċentri ta' ħarsien għat-tfal u edukaturi d-dar għandhom jagħtu kull informazzjoni u aċċess mitlub minn dawn l-uffiċjali kif dawn jidhrilhom meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tad-Diviżjoni.

Investigazzjoni ta' lment.

**18.** Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-Diviżjoni tista' tinvestiga lment jekk ikun jidhrilha xieraq li tagħmel dan skont ir-regolamenti preskritti.

Detentur ta' liċenzja għandu jipprovdi informazzjoni.

**19.** (1) Jekk id-Diviżjoni hekk titlob għall-finijiet ta' investigazzjoni tal-ilment, id-detentur tal-liċenzja li dwaru għandu x'jaqsam l-ilment għandu jagħtiha -

(a) dik l-informazzjoni fil-pussess tad-detentur tal-liċenzja kif jista' jiġi speċifikat jew deskritt fit-talba tad-Diviżjoni, u

(b) dik l-informazzjoni l-oħra fil-pussess tad-

detentur tal-liċenzja kif id-Diviżjoni tista' tqis rilevanti għall-investigazzjoni.

(2) Fit-twettiq ta' kull investigazzjoni, id-Diviżjoni għandha tistabbilixxi l-proċedura tagħha stess u d-detenturi ta' liċenzja jkunu marbutin li jikkooperaw ma' kull tali investigazzjoni.

Pjan ta' azzjoni.

**20.** Fejn id-Diviżjoni tkun sabet li detentur ta' liċenzja jkun kiser xi regolamenti jew ingħata rakkomandazzjonijiet bħala riżultat ta' xi investigazzjoni u, jew bħala riżultat ta' proċess ta' assikurazzjoni ta' kwalità, id-detentur għandu jħejji pjan ta' azzjoni li jkun biħsiebu jwettaq fid-dawl tar-rapport. Tali pjan ta' azzjoni għandu jkun approvat mid-Diviżjoni, li għandha tiżgura li l-pjan ta' azzjoni jiġi implimentat fil-perjodu stabbilit. Id-Diviżjoni jkollha s-setgħa li tieħu kull azzjoni raġunevoli li tqis xierqa fil-każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni ta' tali pjan ta' azzjoni.

## TAQSIMA III

### Liċenzji biex jiġu stabbiliti Skejjel, Ċentri ta' Ħarsien għat-Tfal u biex tingħata edukazzjoni fid-dar

Liċenzji biex jiġu stabbiliti Skejjel, Ċentri ta' Ħarsien għat-Tfal u biex tingħata edukazzjoni fid-dar.

**21.** (1) Ħadd ma jista' jistabbilixxi u, jew imexxi skola, ċentru ta' ħarsien għat-tfal jew jipprovdi tagħlim fid-dar mingħajr liċenzja maħruġa mid-Diviżjoni skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Iżda ma jkunx hemm bżonn ta' liċenzja taħt din it-Taqsima f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) minn provditur li joffri edukazzjoni avvanzata u ogħla kif imfisser fl-Att tal-2019 dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla; jew

Abbozz Nru 93 tal-2019.

(b) fejn il-liċenzja għandha tinkiseb minn korp ieħor hekk awtorizzat bil-liġi.

Applikaz-zjonijiet għal liċenzja għal skola, ċentru ta' ħarsien għat-tfal u biex tingħata edukazzjoni d-dar.

**22.** (1) Kull persuna jkollha d-dritt li tapplika għand id-Diviżjoni biex tingħata liċenzja biex tistabbilixxi u tmexxi skola, ċentru ta' ħarsien għat-tfal jew biex tipprovdi edukazzjoni d-dar.

(2) Id-Diviżjoni, waqt li taġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment imsemmi fl-artikolu 16, tista' toħroġ il-liċenzja msemmija fis-subartikolu (1) fejn l-iskola, iċ-ċentru ta' ħarsien għat-tfal u l-edukazzjoni d-dar ikunu konformi mal-kondizzjonijiet preskritti u d-Diviżjoni jidhrila li l-għoti ta' liċenzja jkun fl-interess pubbliku:

Iżda għandha tingħata liċenzja jekk il-Gvern ikun marbut li jagħmel dan bi ftehim internazzjonali u l-iskola tkun konformi mal-kondizzjonijiet minimi nazzjonali:

Iżda wkoll fejn applikant għal liċenzja diġà għandu liċenzja jew hu xort'oħra legalment stabbilit f'xi Stat Membru, id-Diviżjoni, fl-osservanza tad-Direttiva 2006/123 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2006 dwar servizzi fis-suq intern, ma għandhiex tidduplika l-ħtiġiet jew kontrolli li huma ekwivalenti għal jew essenzjalment komparabbli fir-rigward tal-għanijiet tagħhom li għalihom l-applikant ikun diġà suġġett f'xi Stat Membru ieħor.

Għoti ta' liċenzja hu konċessjoni.

**23.** L-għoti ta' liċenzja hu konċessjoni u privileġġ revokabbli, u l-ebda detentur ta' liċenzja ma jitqies li jkun akkwista xi drittijiet vestiti fiha jew taħtha. Il-piż tal-prova tal-kwalifiki ta' detentur ta' liċenzja biex iżomm liċenzja għandu fi kwalunkwe ħin ikun fuq id-detentur tal-liċenzja. F'dan l-artikolu, "liċenzja" tinkludi u tapplika għal kull liċenzja u awtorizzazzjoni, tkun kif tkun imsejħa, maħruġa mid-Diviżjoni.

Liċenzja temporanja.

**24.** (1) Fejn jidhrilha li jkun fl-interess pubbliku, id-Diviżjoni tista' toħroġ liċenzja temporanja lil skola jew lil ċentru għall-ħarsien tat-tfal għal perjodu ta' mhux aktar minn sena. Tali liċenzja temporanja tkun soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi li jkunu meħtieġa li jitwettqu sa tmiem dak il-perjodu sabiex iwasslu għal eliġibilità għal applikazzjoni għal liċenzja taħt l-artikolu 21.

(2) Liċenzja temporanja ma tistax tkun imġedda għal aktar minn tliet (3) snin konsekuttivi.

(3) Fejn l-iskola jew iċ-ċentru ta' ħarsien għat-tfal jingħataw liċenzja temporanja għat-tielet sena, id-detentur tal-liċenzja għandu minnufih jikkomunika din l-informazzjoni lill-ġenituri u, jew lill-istudenti, kif ikun il-każ, u membri tal-istaff.

Sottomissjoni ta' kopja tal-istatut.

**25.** (1) Fejn l-applikant għal liċenzja biex titwaqqaf skola jew jitwaqqaf ċentru ta' ħarsien għat-tfal ikun korp ta' persuni, kopja tal-istatut għandha tiġi sottomessa mal-applikazzjoni għal liċenzja.

(2) L-applikant għal liċenzja għandu jindika fl-applikazzjoni d-dettalji tal-persuna magħżula u jekk il-liċenzja hijiex ser tinħareġ f'isem il-persuna magħżula fil-kapaċità tagħha personali jew bħala rappreżentant ta' korp ta' persuni, istituzzjoni jew ordni reliġjuż:

Iżda l-liċenzja għal skejjel Statali għandha tinħareġ f'isem id-Direttur Ġenerali responsabbli għalihom.

(3) L-applikant għal liċenzja għandu wkoll jipprovdi lid-Diviżjoni d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha meħtieġa mid-Diviżjoni biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata.

Liċenzja f'isem il-persuna magħżula.

**26.** (1) Fil-każ ta' skola jew ċentru ta' ħarsien għat-tfal, kull liċenzja maħruġa taħt id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandha tkun f'isem il-persuna magħżula fil-kapaċità personali

tagħha jew bħala rappreżentant ta' korp ta' persuni, istituzzjoni jew ordni reliġjuż, skont il-każ.

(2) Il-persuna magħżula li f'isimha tinħareġ il-liċenzja għandha tkun personalment responsabbli li tiżgura li l-obbligi kollha marbutin ma' dik il-liċenzja jkunu osservati dejjem kemm jekk dik il-liċenzja nħarġet f'isimha personalment kemm jekk bħala rappreżentant ta' korp ta' persuni, istituzzjoni jew ordni reliġjuż.

(3) Id-detentur ta' liċenżja li f'ismu tinħareġ liċenzja sabiex jipprovdi għal edukazzjoni d-dar, kif imfisser fl-artikolu 2, għandu jkun personalment responsabbli li jiżgura li l-obbligi kollha marbutin ma' dik il-liċenzja jkunu osservati dejjem.

Deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal liċenzja.

**27.** Id-deċiżjoni tad-Diviżjoni li tagħti jew tirrifjuta applikazzjoni għal liċenzja għandha tiġi notifikata bil-miktub lill-applikant fi żmien tliet (3) xhur mid-data li fiha tkun waslet l-applikazzjoni għand id-dipartiment responsabbli. Deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal liċenzja għandu jkollha magħha r-raġunijiet għaliex ma ntlaqgħatx. In-nuqqas li jiġi notifikat applikant dwar deċiżjoni li tirrigwarda applikazzjoni għal liċenzja fiż-żmien stabbilit f'dan l-artikolu għandu, għal raġunijiet ta' interess pubbliku, jitqies bħala rifjut tal-liċenzja li għaliha tkun saret l-applikazzjoni:

Iżda applikazzjoni għal liċenzja ma titqiesx li kienet sottomessa minn applikant jekk ma tkunx imtliet kif xieraq u ma jkollhiex magħha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa:

Iżda wkoll applikazzjoni ma titqiesx li ġiet sottomessa mill-Knisja Kattolika jekk dik l-applikazzjoni ma tkunx iffirmata mill-Isqfijiet f'Ordinarju ta' dawn il-gżejjer jew awtorizzata minnhom bil-miktub.

Bidla fil-persuna magħżula.

**28.** (1) Fejn il-persuna magħżula li f'isimha tkun inħarġet liċenzja skont l-artikolu 26(1) ma tibqax il-persuna magħżula għal xi raġuni tkun xi tkun, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu li ġejjin:

(a) fejn il-liċenzja tkun f'isem dik il-persuna magħżula fil-kapaċità tagħha personali, għandha ssir applikazzjoni ġdida għal liċenzja;

(b) fejn il-liċenzja tkun f'isem dik il-persuna magħżula bħala rappreżentant ta' korp ta' persuni, reliġjuża, dak il-korp għandu mill-aktar fis jgħarraf bil-miktub lid-Diviżjoni dwar il-bidla f'dik il-ħatra u jissottometti d-dettalji tal-persuna li tkun assumiet dik il-ħatra u minn hemm 'il quddiem il-liċenzja għandha titqies li tkun f'isem dik il-persuna bħala rappreżentant ta' dak il-korp ta' persuni.

(2) Fejn l-ebda applikazzjoni kif meħtieġ bis-subartikolu (1)(a) jew l-ebda notifika kif mitlub bis-subartikolu (1)(b) ma ssir jew tintbagħat fi żmien tliet (3) xhur mid-data li fiha l-persuna magħżula li f'isimha nħarġet il-liċenzja tispiċċa milli tkun f'dik il-kariga, dik il-liċenzja titqies bħala li ġiet ikkanċellata fid-data tal-iskadenza tal-imsemmi perjodu ta' tliet (3) xhur.

Sospensjoni u rtirar ta' liċenzja ta' skola.

**29.** (1) Id-Diviżjoni, waqt li taġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment imsemmi fl-artikolu 16, tista' tissospendi liċenzja maħruġa skont l-artikolu 22(2) jew liċenzja temporanja maħruġa skont artikolu 24(1) jekk l-iskola ma tosservax il-kondizzjonijiet minimi nazzjonali jew xi kondizzjoni imposta mid-Dipartiment jew b'xi mod ieħor tikser il-leġiżlazzjoni applikabbli.

(2) Fejn ir-raġuni għas-sospensjoni ma tkunx rimedjata mid-detentur tal-liċenzja fi żmien perjodu ta' tliet (3) xhur mid-data tas-sospensjoni tal-liċenzja, id-Diviżjoni tista' tipproċedi biex tirtira l-liċenzja.

Reviżjoni amministrattiva.

**30.** (1) Meta applikazzjoni għal liċenzja ta' skola tkun ġiet irrifjutata jew titqies li ġiet rifjutata skont l-artikolu 27 jew fejn liċenzja ta' skola tiġi sospiża jew ikkanċellata, l-applikant jew id-detentur tal-liċenzja jista' jappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u kull regolament applikabbli magħmul taħtu.

Kap. 490.

(2) Appell taħt is-subartikolu (1) għandu jsir bil-miktub fi żmien xahrejn (2) mid-data li fiha d-deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni jew id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni jew irtirar tal-liċenzja kienet notifikata lill-applikant jew mid-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' tliet (3) xhur imsemmi fl-artikolu 29(2), skont kif ikun il-każ.

(3) Minkejja l-fatt li jkun sar appell skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, liċenzja għandha titqies bħala sospiża jew kanċellata, skont kif ikun il-każ, sakemm tibqa' pendenti d-deċiżjoni finali dwar kull appell li jista' jsir mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u kull regolament applikabbli magħmul taħtu.

Kap. 490.

Reġistru ta' liċenzji.

**31.** Id-Diviżjoni għandha żżomm reġistru li jkun fih id-dettalji ta' kull skola, ċentri ta' ħarsien għat-tfal u edukaturi fid-dar li jkollhom liċenzja maħruġa taħt dan l-Att.

## TAQSIMA IV

### Skejjel tal-Istat

Skejjel tal-Istat u Kulleġġi.

**32.** (1) Bil-għan li tiġi aċċertata l-eżistenza ta' sistema ta' skejjel biex jintlaħqu l-objettivi mniżżlin fl-artikolu 4, il-Ministru għandu jistabbilixxi Skejjel tal-Istat tali f'Malta u f'Għawdex skont kemm il-Ministru jara li jkun meħtieġ minn żmien għal żmien. Kull Skola tal-Istat għandha taqa' taħt ir-responsabbiltà, il-gwida u l-amministrazzjoni ta' Kap ta' Skola.

(2) Bil-għan li jissaħħu l-kooperazzjoni u n-networking fost l-Iskejjel tal-Istat, il-Ministru jista' jwaqqaf ukoll Kulleġġi Statali f'Malta u f'Għawdex skont kemm il-Ministru jħoss il-bżonn minn żmien għal żmien. Il-Kulleġġi Statali għandhom ikunu magħmulin minn dawk l-Iskejjel tal-Istat kif il-Ministru jista' jordna minn żmien għal żmien. Kull Kulleġġ Statali għandu jkollu Kap tan-Network tal-Kulleġġi li jkun responsabbli għall-kooperazzjoni u n-networking fost l-Iskejjel tal-Istat li jkunu jiffurmaw parti mill-Kulleġġ.

(3) Bil-għan li tiġi offruta speċjalizzazzjoni f'suġġetti partikolari, il-Ministru jista' wkoll jistabbilixxi tali għaqda ta' kulleġġi kif jitqies meħtieġ minn żmien għal żmien. L-għaqda ta' kulleġġi tkun magħmula minn grupp ta' kulleġġi kif il-Ministru jista' jordna minn żmien għal żmien.

(4) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' kull skola tal-Istat għandha tkun vestita fid-Direttur Ġenerali responsabbli għall-iskejjel tal-Istat, iżda tali Direttur Ġenerali jista' jaħtar wieħed jew aktar mill-uffiċjali jew impjegati, biex jidher għalih u f'ismu f'kull proċedura ġudizzjarja, jew f'kull ftehim, kuntratt, strument jew dokument ieħor ta' natura tkun xi tkun.

Awtonomija tal-iskejjel.

**33.** (1) Il-Ministru u d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għandhom jippromwovu t-twettiq tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u governanza personali fl-immaniġġjar u l-amministrazzjoni ta' Skejjel tal-Istat, f'qafas ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija tal-ħidma edukattiva u servizzi pprovduti minn skejjel skont il-prijoritajiet, miri u strateġiji nazzjonali adottati mill-Gvern.

(2) Xejn f'dan l-Att ma għandu jinftiehem li jista' jżomm lill-Ministru, rigward l-għan ta' implimentazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u governanza personali fl-immaniġġar u l-amministrazzjoni ta' Skejjel tal-Istat, milli jiddelega jew jassenja xi waħda mill-funzjonijiet tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni lill-Iskejjel jew Kulleġġi stabbiliti taħt din it-Taqsima.

Pjan ta' żvilupp ta' skola.

**34.** (1) Il-pjan ta' żvilupp tal-iskola għandu jkun il-politika edukattiva ewlenija u l-għodda ta' implimentazzjoni u għandu, b'mod partikolari, jimmira biex jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-issoktar tal-qafas tar-riżultati tat-tagħlim waqt li jitqiesu l-kuntesti

differenti ta' kull skola u l-ħtiġiet partikolari tal-istudenti tagħha.

(2) Il-pjan ta' żvilupp tal-iskola għandu jkun għal perjodu stabbilit mid-Diviżjoni u għandu jkun imħejji mill-Kap tal-Iskola permezz ta' approċċ intiż għall-iskola kollha.

(3) Il-Kap tal-Iskola għandu jirrevedi l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tal-iskola fuq bażi annwali.

Pjan ta' żvilupp ta' kulleġġ.

**35.** (1) Il-pjan ta' żvilupp ta' kulleġġ għandu jara li tinbena sinerġija fost l-iskejjel li jiffurmaw parti mill-Kulleġġ u li politiki nazzjonali dwar materji edukattivi jkunu segwiti u implimentati. Il-pjan ta' żvilupp ta' kulleġġ għandu jinkludi pjan ta' ħidma għall-iskejjel differenti li jiffurmaw parti mill-kulleġġ ibbażat fuq l-ethos, l-isfidi u l-ħtiġiet ta' kull skola.

(2) Il-pjan ta' żvilupp ta' kulleġġ għandu jkun għal perjodu ta' tliet (3) snin. Għandu jkun imħejji mill-Kap tan-Network tal-Kulleġġ flimkien mal-Kapijiet tal-Iskejjel li jiffurmaw parti mill-Kulleġġ.

(3) Il-Kap tan-Network tal-Kulleġġ, flimkien mal-Kapijiet tal-Iskejjel, għandu jirrevedi l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tal-kulleġġ fuq bażi annwali.

Funzjonijiet tal-Iskejjel u l-Kulleġġi tal-Istat.

**36.** (1) Flimkien mad-dmirijiet tal-iskejjel li jinsabu fl-artikolu 9, għandha tkun il-funzjoni ta' kull Skola tal-Istat:

(a) li tidentifika u toffri b'mod ekwu programmi assistiti u ta' tagħlim lill-istudenti kollha;

(b) li tiżgura li l-politika nazzjonali rigward edukazzjoni inklużiva tkun applikata u li r-riżorsi, l-għodod u l-faċilitajiet meħtieġa jkunu disponibbli;

(ċ) li tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva ta' funzjonijiet oħrajn kif dawn jistgħu jiġu assenjati mill-Ministru minn żmien għal żmien;

(d) li tosserva r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji u ta' akkwist pubbliku; u

(e) li timmassimizza r-riżorsi tal-skejjel u dawk umani.

(2) Għandha tkun il-funzjoni ta' kull Kulleġġ Statali:

(a) li jiżgura networking u koordinazzjoni fost l-iskejjel li jiffurmaw parti mill-Kulleġġ;

(b) li jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dmirijiet tal-Istat stabbiliti fl-artikolu 4;

(ċ) li jassigura kollaborazzjoni mal-Iskejjel tal-Istat li jappartjenu lil Kulleġġi oħra;

(d) li jistabbilixxi ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet oħrajn li jkunu ta' għajnuna għat-tagħlim fis-sens l-aktar wiesa' tal-kelma u li jistgħu jgħinu biex ifornu l-istudenti bl-għerf, ħiliet, kompetenzi u valuri meħtieġa għal ċittadinanza attiva, akkwist tax-xogħol u intraprenditorija; u

(e) li jassigura l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva ta' funzjonijiet oħra kif dawn jistgħu jkunu assenjati mill-Ministru minn żmien għal żmien.

Kapijiet ta' Skejjel u Kapijiet tan-Network tal-Kulleġġ.

**37.** (1) Kull Skola tal-Istat għandu jkollha Kap ta' Skola li jkun responsabbli għal deċiżjonijiet li jikkonċernaw materji edukattivi fl-iskola u li jirrapporta lill-Kap tan-Network tal-Kulleġġ.

(2) Kull Kulleġġ Statali għandu jkollu Kap tan-Network tal-Kulleġġ li jkun responsabbli lejn id-Direttur Ġenerali li jkun assenjat ir-responsabbiltà ġenerali tal-iskejjel tal-istat fejn jolqot it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

Rwol ċentrali tal-Kap ta' Skola.

**38.** Ikun dmir ta' kull Kap ta' Skola li jiżgura li l-funzjonijiet tal-iskola kif previsti fl-artikolu 36(1) ikunu qed jintlaħqu. L-irwol ċentrali tal-Kap ta' Skola għandu jkun li:

(a) jippromwovi, jimplimenta u jissokta fuq il-missjoni tal-iskola li tipprovdi edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha;

(b) jipprovdi tmexxija strateġika u ta' istruzzjoni kif ukoll direzzjoni għall-istaff tal-iskola u l-immanniġġar totali tal-iskola minn jum għal jum;

(ċ) jassumi rwol ewlieni fl-organizzazzjoni u l-koordinament tal-attivitajiet kollha relatati mat-twettiq u l-iżvilupp tal-kurrikulu; u

(d) iwettaq kull funzjoni oħra li tista' tkun assenjata mid-Diviżjoni minn żmien għal żmien.

Rwol ċentrali tal-Kap tan-Network tal-Kulleġġ.

**39.** (1) Għandu jkun hemm uffiċjal li jkun magħruf bħala il-Kap tan-Network tal-Kulleġġ biex iwettaq il-funzjonijiet imsemmija f'dan l-artikolu.

(2) Għandu jkun id-dmir ta' kull uffiċjal deskritt fis-subartikolu (1) li jiżgura li l-funzjonijiet tal-Kulleġġ kif previst fl-artikolu 36(2) ikunu qed jintlaħqu. L-irwol ċentrali tal-Kap tan-Network tal-Kulleġġ għandu jkun li jikkoordina, jiffaċilita u jippromwovi:

(a) kooperazzjoni u kollaborazzjoni fl-isferi edukattivi kollha fost l-iskejjel fi ħdan il-Kulleġġ, biex b'hekk isseħħ sinerġija;

(b) networking fost l-edukaturi kollha biex jaqsmu, itejbu u jsaħħu prattiki tajbin u b'hekk tissaħħaħ il-kolleġġjalità;

(ċ) opportunitajiet għal taħriġ professjonali kontinwu u żvilupp tal-istaff kollu; u

(d) il-ħolqien ta' iniżjattivi 'l barra mill-iskola li jagħmluha possibbli li jinħolqu sinerġiji mal-komunità (soċjali, ċivili u ekonomiċi).

Sħubija ma' Skejjel mhux Statali.

**40.** (1) Skejjel tal-Istat għandhom ifittxu li jiffurmaw sħubijiet ma' kulleġġi jew Skejjel mhux Statali f'Malta u f'pajjiżi oħra u jistgħu jikkonkludu ftehimiet ta' kollaborazzjoni li jiffavorixxu l-edukazzjoni tal-istudenti.

(2) Ftehimiet ta' sħubija bħal dawn għandhom jipprovdu opportunitajiet ta' kollaborazzjoni, l-użu u l-qsim ta' riżorsi, u bdil ta' esperjenzi, prattika tajba u programmi edukattivi.

Użu tal-bini tal-iskejjel għal tagħlim, attivitajiet kulturali jew attivitajiet oħra.

**41.** (1) Il-Kap ta' Skola jista' jagħmel ftehimiet għal tul ta' żmien limitat ma' partijiet terzi, b'korrispettiv skont kif jidhirlu xieraq, għall-użu tal-bini u l-faċilitajiet tal-Iskejjel tal-Istat, jew parti minnhom, bħala ċentri ta' tagħlim, jew ċentri għal attivitajiet ta' eżerċizzju fiżiku u edukazzjoni sportiva, jew għal attivitajiet kulturali ta' arti, mużika u drama, jew għal attivitajiet oħra simili għal dawn konformement mal-politiki stabbiliti mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni:

Iżda:

(a) attivitajiet bħal dawn ma għandhomx joħolqu tfixkil lit-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti tal-Iskejjel tal-Istat; u

(b) għandha dejjem tingħata prijorità lill-użu tal-Iskejjel tal-Istat mill-Gvern għal attivitajiet tali li l-Gvern iqis xieraq.

(2) Il-Kap tal-Iskola għandu jidħol fi ftehimiet bħal dawn kif previst fis-subartikolu (1) skont il-politiki stabbiliti mid-dipartiment responsabbli għall-binjiet tal-iskejjel.

Kap. 573.

(3) Fejn tingħata l-awtorizzazzjoni kif previst fis-subartikolu (2), id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Art tal-Gvern ma għandhomx japplikaw:

Iżda l-ftehim ma jagħtix xi drittijiet fuq l-artijiet lil partijiet terzi.

(4) Kull dħul li jirriżulta mill-ftehim kif hemm referenza għalih fis-subartikolu (1) ikun tal-iskola.

(5) Il-Ministru jista' jagħti direttivi jew jagħmel tali regolamenti hekk kif jikkunsidra xieraq b'rabta mal-użu tal-bini u l-faċilitajiet tal-Iskejjel tal-Istat minn partijiet terzi, fosthom il-kondizzjonijiet li taħthom drittijiet ta' użu jistgħu jingħataw, u l-użu li għandu jsir minn xi qligħ ġġenerat mill-iskola mill-ftehimiet li hemm referenza għalihom fis-subartikolu (1).

Kunsill tal-Iskola u tal-Istudenti.

**42.** Kull Skola tal-Istat, kemm jekk hi skola li tagħmel parti minn Kulleġġ kemm jekk le, għandu jkollha Kunsill tal-Iskola li jkun magħmul minn ġenituri u għalliema, u Kunsill tal-Istudenti li jkun magħmul u magħżul u li għandu jkollu l-funzjonijiet, dmirijiet, setgħat u proċeduri hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi permezz ta' regolamenti.

Imġiba tajba u dixxiplina fl-iskejjel.

**43.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Kap ta' Skola u l-istaff ta' għalliema, u dawk li mhumiex għalliema, ta' xi skola, inkluż kull min direttament jew indirettament huwa involut fil-proċess edukattiv tal-istudenti fl-iskola, għandu jkun responsabbli li jiżgura ż-żamma ta' mġiba tajba mill-istudenti u għaż-żamma ta' dixxiplina fl-iskola.

(2) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħmel tali regolamenti jew joħroġ politiki jew direttivi li huwa jqis li huma xierqa, fosthom kodiċi ta' dixxiplina, biex jiżgura li jinżammu l-imġiba tajba u d-dixxiplina fl-Iskejjel tal-Istat. Regolamenti, politiki jew direttivi bħal dawn jistgħu jipprovdu wkoll għas-sospensjoni u l-esklużjoni ta' studenti mill-klassi u mill-iskola bħala parti minn proċess ta' dixxiplina u integrazzjoni mill-ġdid, għal mod kif isiru appelli u għall-konsiderazzjoni mill-ġdid ta' deċiżjonijiet dwar dixxiplina li jkunu ttieħdu minn awtoritajiet kompetenti, għall-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' dixxiplina mill-iskejjel, u għal kull materja oħra anċillari għal dawn skont kif ikun meħtieġ.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, ir-regolamenti u l-kodiċi ta' dixxiplina msemmijin fis-subartikolu (2) għandu jkun fihom dispożizzjonijiet dwar il-kondotta u d-dixxiplina mistennija minn edukaturi, staff ieħor tal-iskola, ġenituri u viżitaturi fi skola.

(4) Student jista' jinżamm taħt detenzjoni konformement ma' politiki u kodiċijiet ta' dixxiplina applikabbli.

(5) Fejn l-imġiba ta' student tkun vjolenti jew aggressiva u tipperikola s-saħħa tiegħu stess jew dik ta' xi student ieħor jew ta' xi persuna li tkun taħdem fl-iskola, għalliem jew persuna oħra impjegata fl-iskola, l-iskola tista' tieħu tali miżuri li jkunu raġunevoli, proporzjonati u meħtieġa fiċ-ċirkostanzi biex jiġi evitat kull tip ta' periklu, skont il-politiki u l-kodiċi ta' mġiba applikabbli. Id-Diviżjoni

għandha tagħmel dak kollu li tista' biex tipprovdi lill-istaff tal-iskola taħriġ rilevanti għal dan il-għan.

Edukazzjoni ekwa.

**44.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti u joħroġ politiki u direttivi, kif jidhirlu xieraq, biex isir kuntatt mat-tfal kollha li huma intitolati li jattendu l-iskola, fosthom it-twaqqif ta' programmi alternattivi ta' tagħlim, spazji edukattivi, gruppi ta' trawwim u żoni ta' għajnuna fit-tagħlim fl-iskola u ċentri ta' għajnuna fit-tagħlim u ċentri ta' riżorsi barra mill-iskola, għat-trasferiment ta' studenti mill-klassi u mill-iskola għal dawk iż-żoni u ċentri, u għal kull materja oħra anċillari għal dawn skont kif ikun meħtieġ.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti u joħroġ politiki u direttivi kif fl-opinjoni tiegħu jkun meħtieġ biex jipprovdi studenti bi ħtiġiet edukattivi individwali, fosthom valutazzjoni multidixxiplinarja tal-kondizzjoni tagħhom, il-proċess ta' statementing, il-formalizzazzjoni u l-applikazzjoni ta' xi programm edukattiv individwali, valutazzjoni aċċessibbli, testijiet u eżamijiet ta' studenti kkonċernati, il-programmi fiċ-ċentri ta' riżorsi, l-applikazzjoni ta' terapiji jew l-għoti ta' mediċini kif preskritti minn persuni professjonali kompetenti skont kull liġi fis-seħħ lil studenti waqt li jkunu fl-iskola jew f'ċentru, mezzi għall-konsiderazzjoni mill-ġdid ta' u appelli minn deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni għall-istatementing ta' student, jew dwar kull materja oħra anċillari għal dawn skont kif ikun meħtieġ.

Tagħlim tar-reliġjon kattolika u ta' filosofija tal-ħajja u l-etika fl-Iskejjel tal-Istat.

**45.** (1) L-Istat għandu jipprovdi għall-edukazzjoni u t-tagħlim tar-reliġjon kattolika fl-Iskejjel tal-Istat għal dawk l-istudenti li l-ġenituri tagħhom ikunu għażlu li jtellgħu lil uliedhom f'din ir-reliġjon u li jistabbilixxi kurrikulu għall-edukazzjoni u t-tagħlim ta' din ir-reliġjon f'dawk l-iskejjel skont id-dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward tal-Isqfijiet skont l-Ordinarju ta' dawn il-gżejjer.

(2) L-Istat għandu jipprovdi għall-edukazzjoni u t-tagħlim ta' filosofija tal-ħajja u l-etika għal dawk l-istudenti li l-ġenituri tagħhom jkunu għażlu li ma jtellgħux lil uliedhom skont ir-reliġjon kattolika.

TAQSIMA V

Edukazzjoni d-Dar

Edukazzjoni d-dar.

**46.** Ikun legalment aċċettabbli li ġenitur ta' minuri ta' età ta' skola obbligatorja japplika għand id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni biex jipprovdi edukazzjoni fid-dar lill-minuri:

Iżda l-applikazzjoni biex tiġi pprovduta edukazzjoni fid-dar lil minuri ma tistax issir fuq bażi razzista jew raġuni simili, jew għal raġunijiet li d-Diviżjoni ma tqisx li huma xierqa meta tqis iċ-ċirkostanzi kollha; u f'kull każ imsemmi hawn qabel, edukazzjoni fid-dar titqies li tkun fl-aħjar interess tal-minuri meta jitqiesu ċ-

ċirkostanzi u sitwazzjoni tal-minuri u l-familja tiegħu.

Awtorizzazzjoni għal edukazzjoni fid-dar.

**47.** (1) Fejn id-Diviżjoni tkun tal-opinjoni li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-għoti ta' edukazzjoni fid-dar għall-minuri ġew sodisfatti hi għandha tawtorizza l-ġenitur tal-minuri li jipprovdi edukazzjoni fid-dar lill-minuri bi spejjeż tiegħu/tagħha u bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-minuri għandu jkollu esperjenza soċjali ekwivalenti għal dik mogħtija fi skejjel;

(b) il-minuri jingħata l-istess esperjenza u faċilitajiet bħal dawk li hemm fi skejjel;

(ċ) il-minuri għandhom isegwu programm akkreditat kif approvat mid-Diviżjoni u dawk il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-Diviżjoni kif jista' jidhrilha xierqa fl-aħjar interess tal-minuri.

(2) Ġenitur li jara li l-wild minuri tiegħu jsegwi programm ta' tagħlim fid-dar konformement mal-kondizzjonijiet kollha imposti mid-Diviżjoni i għandu jitqies li jkun issodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-artikolu 6.

Setgħa għall-għemil ta' regolamenti li jirrigwardaw edukazzjoni fid-dar.

**48.** Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mad-Diviżjoni, jagħmel regolamenti:

(a) sabiex b'mod ġenerali jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' edukazzjoni fid-dar;

(b) sabiex jipprovdi għall-għoti ta' awtorizzazzjoni biex jingħataw programmi ta' edukazzjoni fid-dar;

(ċ) sabiex jistabbilixxi kriterji dwar il-kwalifika u l-awtorizzazzjoni ta' edukaturi fid-dar u għat-tneħħija ta' awtorizzazzjoni bħal din;

(d) għall-akkreditazzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni fid-dar;

(e) sabiex jistabbilixxi pieni għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jew ta' xi regolamenti magħmulin skont dan l-artikolu;

(f) sabiex jistabbilixxi miżati li għandhom jitħallsu minn applikanti fir-rigward ta' kull applikazzjoni magħmula taħt din it-Taqsima jew taħt xi regolamenti magħmula skont dan l-artikolu;

(g) għal kull materja inċidentali u supplimentari li l-Ministru jqis spedjenti li jipprovdi għaliha, għall-implimentazzjoni effettiva ta' din it-Taqsima; u

(h) sabiex jipprovdi għal kull materja li ma tmurx kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u biex jagħti aktar saħħa lil tali dispożizzjonijiet.

## TAQSIMA VI

### Entitajiet Edukattivi

Twaqqif ta' entitajiet.

**49.** Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, il-Prim Ministru jista' b'Ordni fil-Gazzetta jwaqqaf entitajiet oħra, fosthom dawk l-aġenziji, diviżjonijiet, direttorati, dipartimenti jew istitutuzzjonijiet edukattivi oħra li jidhirlu meħtieġa għall-kwalità aħjar u l-għoti ta' edukazzjoni u servizzi ta' taħriġ fil-pajjiż, u l-Prim Ministru jista' wkoll permezz ta' Ordni fil-Gazzetta jikkostitwixxi kull entità stabbilita taħt dan l-Att bħala korporazzjoni b'personalità distinta u ġuridika tagħha, u l-Prim Ministru għandu, f'dan il-każ, permezz ta' regolamenti, jipprovdi għal kull materja li tkun meħtieġa għall-immaniġġjar effettiv tal-entità msemmija fl-Ordni relattiva.

Ħatriet ta' staff.

**50.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' kull leġiżlazzjoni oħra applikabbli għal dawk id-dispożizzjonijiet, inkluż dan l-Att, kull entità, li taġixxi bi qbil mal-Ministru, tista' taħtar u timpjega tali uffiċjali u impjegati oħra li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa għat-twettiq kif mistenni u effiċjenti tal-funzjonijiet tagħha.

(2) Ħatriet u impjiegi bħal dawn tal-imsemmija uffiċjali u impjegati għandhom isiru b'tali rimunerazzjoni u taħt tali pattijiet u kondizzjonijiet kif l-entità tista', bi ftehim mal-Ministru, minn żmien għal żmien, tiddetermina.

Status ta' uffiċjali pubbliċi assenjati biex iwettqu xogħol ma' xi entità.

**51.** (1) Il-Prim Ministru, jista', meta mitlub minn xi entità bi ftehim mal-Ministru, minn żmien għal żmien jordna li xi uffiċjal pubbliku jiġi assenjat għal xogħol ma' xi entità f'tali pożizzjoni u b'effett minn tali data u għal tul ta' żmien tali kif ikun speċifikat fid-direttiva tal-Prim Ministru.

(2) Il-perjodu li matulu ordni, kif imsemmi hawn qabel, għandha tapplika fir-rigward ta' uffiċjal speċifikat hemmhekk, sakemm l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku jew b'xi mod ieħor ma jibqax fil-kariga sa minn data aktar qabel, għandu jkun meqjus kif ikun speċifikat fl-ordni, kemm-il darba din l-ordni ma tkunx minn qabel revokata mill-Prim Ministru.

(3) Fejn uffiċjal ikun assenjat għal xogħol ma' xi entità skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dan l-uffiċjal għandu, matul iż-żmien li fih direttiva bħal din tolqot lilu, ikun jaqa' taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-entità, imma hu għandu, għal kull għan u raġuni oħra, jibqa' u jiġi kkunsidrat u ttrattat bħala uffiċjal pubbliku.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak kollu msemmi hawn qabel, uffiċjal assenjat għal xogħol kif imsemmi hawn qabel -

(a) m'għandux waqt dan iż-żmien li jkun assenjat b'dan il-mod -

(i) jinżamm milli japplika għal trasferiment għal dipartiment tal-Gvern skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tas-servizz marbutin mal-ħatra mal-Gvern li jkollu fid-data li fiha huwa jkun assenjat ix-xogħol; jew

(ii) ikun impjegat b'mod li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet tas-servizz tiegħu jkunu inqas favorevoli minn dawk li huma marbutin mal-ħatra mal-Gvern li kellu fid-data li ssemmiet qabel jew li kieku kienu jintrabtu ma' ħatra bħal din, matul il-perjodu msemmi, kieku dan l-uffiċjal ma kienx ġie assenjat dan ix-xogħol mal-entità; u

(b) ikun intitolat li jkollu s-servizz tiegħu mal-entità meqjus bħala servizz mal-Gvern għal raġunijiet ta' pensjoni, gratifikazzjoni, jew benefiċċju li jaqgħu taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Ltiema u għal kull dritt jew privileġġ ieħor li kien ikun intitolat għalih, u jkun responsabbli għal kull obbligu li jkun suġġett għalih, ħlief għall-fatt li jkun ġie assenjat għal xogħol mal-entità. Kap. 93. Kap. 58.

(5) Fejn applikazzjoni ssir kif previst fis-subartikolu (4)(a)(i), l-istess konsiderazzjoni għandha tingħata għal dak il-post bħallikieku l-applikant ma kienx assenjat għal servizz mal-entità.

(6) L-entità għandha tħallas lill-Gvern, fejn dan japplika, kontribuzzjonijiet tali skont kif minn żmien għal żmien jiġi determinat mill-Ministru responsabbli għall-finanzi fir-rigward tal-ispiża għal pensjonijiet u gratifikazzjonijiet li jkun intitolat għalihom l-uffiċjal assenjat dan ix-xogħol mal-entità, kif ingħad qabel, matul il-perjodu li fih hu jkun hekk assenjat.

Offerta ta' impjieg permanenti għal uffiċjali pubbliċi assenjati xogħol mal-entitajiet.

**52.** (1) Entità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil kull uffiċjal assenjat xogħol mal-entità imsemmija taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 51 impjieg permanenti mal-entità bi ħlas u bi pattijiet u kondizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jkun igawdi dan l-uffiċjal fid-data ta' din l-offerta.

(2) Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kompriżi f'kull offerta magħmula kif ingħad qabel m'għandhomx jitqiesu inqas favorevoli sempliċiment minħabba li ma jkunux għal kollox identiċi ma' jew superjuri għal dawk li kellu l-uffiċjal ikkonċernat fid-data ta' offerta

bħal din, jekk tali pattijiet u kondizzjonijiet, meħudin flimkien, fl-opinjoni tal-Prim Ministru, joffru benefiċċji sostanzjalment daqshom jew akbar.

Kap. 93.
Kap. 58.

(3) Kull uffiċjal li jaċċetta impjieg permanenti mal-entità, offrut lilu taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), għandu, għall-finijiet kollha barra dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Ltiema, jitqies li waqaf mis-servizz mal-Gvern u li daħal fis-servizz mal-entità fid-data ta' meta aċċetta, u għall-finijiet tal-Ordinanza imsemmija u l-Att imsemmi, sa fejn japplikaw għalih, servizz mal-entità għandu jitqies li jkun servizz mal-Gvern fil-limiti tat-tifsiriet li joħorġu minnhom rispettivament.

Kap. 58.

(4) Kull uffiċjal bħal qabel imsemmi li, minnufih qabel ma jkun aċċetta l-impjieg permanenti mal-entità, kien intitolat li jibbenefika taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Ltiema, għandu jibqa' jkun intitolat b'dan il-mod li jibbenefika taħt dak l-Att għall-finijiet kollha, daqs li kieku s-servizz tiegħu mal-entità kien servizz mal-Gvern.

(5) L-entità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu determinati mill-Ministru responsabbli għall-finanzi rigward l-ispiża tal-pensjonijiet u gratifikazzjonijiet li jkun qala' l-uffiċjal li jkun aċċetta impjieg permanenti mal-entità kif ingħad qabel waqt il-perjodu li jibda mid-data li fiha dan l-uffiċjal ikun aċċetta.

Kap. 93.

(6) Għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, is-salarji pensjonabbli ta' uffiċjal pubbliku bħal dan meta jirtira għandhom jitqiesu bħala s-salarji pensjonabbli li għandhom jitħallsu lil kull uffiċjal fis-servizz mal-Gvern fi grad u f'livell inkrimentali li jikkorrispondi għall-kariga u livell inkrimentali li fih jirtira l-uffiċjal mill-entità.

(7) (a) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, karigi u gradi ta' salarji mal-entità għandhom ikunu kklassifikati mal-eqreb gradi possibbli u livelli inkrimentali fis-servizz taħt il-Gvern ta' Malta b'referenza għal deskrizzjoni tal-impjieg, ħiliet, responsabbiltajiet u fatturi oħra analogi.

(i) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha ssir minn Bord kompost minn Chairperson appuntat mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u żewġ membri oħra, wieħed appuntat mill-Ministru responsabbli ċentralment għall-politiki rigward staff fis-servizz pubbliku u wieħed appuntat mill-entità kkonċernata. Il-klassifikazzjoni tkun suġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(ii) Klassifikazzjoni bħal din għandha sseħħ fi żmien tliet (3) xhur ta' kull aġġustament ta' salarji tal-impjegati fis-servizz mal-Gvern u, jew, tal-impjegati tal-entità.

(b) L-ebda kariga ma għandha tiġi klassifikata fi grad ogħla minn dak ta' Grad 3 fis-servizz mal-Gvern, jew grad ieħor bħal dan li l-Ministru għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien jiddetermina permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

(ċ) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, l-ebda persuna ma tista', wara klassifikazzjoni kif qabel imsemmi, tkun intitolata għal drittijiet taħt l-imsemmija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet li jkunu inqas favorevoli minn dawk li għalihom hi setgħet tkun intitolata qabel dik il-klassifikazzjoni. Kap. 93.

**53.** (1) L-entità tista' tiġbor id-drittijiet, rati u ħlasijiet oħra kollha preskritti fil-protokolli tagħha jew meqjusa li huma preskritti b'dan l-Att jew taħtu u, jew regolamenti magħmulin taħtu, jew kull liġi oħra li għandha x'taqsam mas-setgħat u l-funzjonijiet tal-entità. Dispożizzjonijiet finanzjarji.

(2) L-entità għandha titħallas mill-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk is-somom ta' flus kif il-Parlament jista' minn żmien għal żmien jawtorizza li jiġu approprjati sabiex ikopru l-ispejjeż ta' xogħlijiet speċifikati li għandhom jitkomplew u għat-tmexxija tal-entità minn jum għal jum.

**54.** (1) Entità għandha tieħu ħsieb tħejji f'kull sena finanzjarja, u għandha mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara t-tmien ta' kull tali sena tadotta, estimi tad-dħul u nfiq tal-entità għas-sena finanzjarja ta' wara. Estimi tal-entità.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi l-entità għandha tieħu f'konsiderazzjoni xi fondi u flejjes oħra li jkollhom jitħallsu lilha mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja rilevanti, sew jekk bis-saħħa ta' dan l-Att, sew b'Att ta' approprjazzjoni jew ta' xi liġi oħra; u l-entità għandha tħejji l-imsemmija estimi hekk li jiġi żgurat li d-dħul totali tal-entità jkun għall-inqas biżżejjed biex jitħallsu s-somom kollha li għandhom jitħallsu mill-kont tad-dħul tagħha, magħdud, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dik it-tifsira, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma u għandu jkun fihom dak it-tagħrif u dawk il-paraguni mas-snin ta' qabel kif jista' jordna l-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(4) Kopja tal-estimi għandha, malli dawn jiġu adottati mill-entità, tintbagħat minnufih lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(5) Il-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità u mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara li jkun irċieva kopja tal-estimi

mingħand l-entità (jew jekk matul dak il-perjodu l-Kamra ma tkunx qed tiltaqa' fi żmien sitt (6) ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li jkun imiss), jara li dawk l-estimi jitqiegħdu quddiem il-Kamra flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova dawk l-estimi.

Kontijiet u verifika.

**55.** (1) L-entità għandha tara li jinżammu kontijiet xierqa u records oħra dwar l-operat tagħha, u għandha tara li jitlesta prospett ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja skont standards ta' kkontjar stabbiliti.

(2) Il-kontijiet tal-entità għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri li jinħatru mill-entità u approvati mill-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jeħtieġ li l-kotba u l-kontijiet tal-entità jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali.

Trasmissjoni ta' rendikonti finanzjarji lill-Ministru.

**56.** (1) L-entità għandha tara li, mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, kopja tar-rendikonti finanzjarji tagħha debitament verifikati tintbagħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi flimkien ma' kopja ta' kull rapport tal-awditur jew awdituri dwar dawn ir-rendikonti jew dwar il-kontijiet tal-entità.

(2) Il-Ministru għandu, malajr kemm jista' jkun, iqiegħed koja ta' dawk ir-rendikonti u rapporti fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

Depożitu ta' dħul u ħlasijiet mill-entità.

**57.** (1) Il-flus kollha miġbura mill-entità għandhom jitqiegħdu f'bank jew f'banek maħtura bħala bankiera tal-entità permezz ta' riżoluzzjoni tal-entità. Dawk il-flus għandhom, sa fejn ikun prattikabbli, jitħallsu f'dawk il-banek minn jum għal jum, ħlief dik is-somma li l-entità tista' tawtorizza li tinżamm sabiex jitħallsu l-ispejjeż żgħar u ħlasijiet ta' flus kontanti li jsiru fil-pront.

(2) Il-ħlasijiet kollha li jsiru mill-fondi tal-entità, minbarra nefqiet żgħar li ma jkunux aktar minn somma stabbilita minn żmien għal żmien mill-entità, għandhom isiru minn dak l-uffiċjal jew minn dawk l-uffiċjali tal-entità li l-entità tista' taħtar jew issemmi għal dak il-għan.

(3) Ċekkijiet li jinħarġu u rtirar minn kwalunkwe kont bankarju tal-entità għandhom ikunu ffirmati minn dak l-uffiċjal tal-entità li jista' jiġi maħtur jew imsemmi għal dak il-għan mill-entità u għandhom ikunu kontrofirmati miċ-Chairperson jew minn tali membru jew uffiċjal ieħor tal-entità kif jista' jiġi awtorizzat mill-entità għal dak il-għan.

(4) Kull entità għandha wkoll tipprovdi dwar:

(a) il-mod li bih, u l-uffiċjal jew uffiċjali li minnhom għandhom, jiġu awtorizzati jew approvati l-ħlasijiet;

(b) l-isem ta' kull kont miżmum mal-bank jew banek li fihom il-flus tal-entità għandhom jitħallsu, u t-trasferiment ta' fondi minn kont għal ieħor;

(ċ) il-metodu li għandu jiġi adottat fil-ħlasijiet mill-fondi tal-entità; u

(d) b'mod ġenerali dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam maż-żamma u kontroll xieraq tal-kontijiet u kotba, u l-kontroll tal-finanzi, tal-entità.

TAQSIMA VII

Reati u pieni

Impjieg ta' minuri.

**58.** (1) L-ebda persuna ma tista' timpjega minuri ta' età ta' skola obbligatorja jew b'xi mod ieħor marbut li jattendi regolarment l-iskola taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att mingħajr il-permess bil-miktub tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

(2) Id-Diviżjoni tista' tagħti l-permess tagħha taħt is-subartikolu (1) meta, ladarba tkun għamlet l-investigazzjonijiet meħtieġa, tkun tal-fehma li hemm raġunijiet suffiċjenti li jiġġustifikaw l-eżenzjoni sakemm l-impjieg tal-minuri mhux ser ikun ta' ħsara għall-iżvilupp tas-saħħa jew dak normali tal-minuri.

(3) Meta jingħata l-permess skont is-subartikolu (2), id-Diviżjoni tista' timponi tali kondizzjonijiet li jitolbu li l-minuri jattendi programmi alternattivi edukattivi jew ta' taħriġ kif jista' jkun preskritt, u kull permess bħal dan għandu minnufih jittieħed lura jekk xi kondizzjoni jew oħra imposti f'permess bħal dan ma tiġix rispettata.

(4) Id-Diviżjoni li għaliha ssir riferenza f'dan l-artikolu tista' tapprova programmi ta' esperjenza ta' xogħol u taħriġ li, meta jkunu approvati, ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu impjieg għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

Reati magħmulin minn ġenituri.

**59.** (1) Kull ġenitur ta' minuri li -

(a) jonqos milli jirreġistra lill-minuri fi skola tal-Istat jew fi skola liċenzjata taħt dan l-Att għall-ewwel sena skolastika li tibda minn meta hu jkun ta' età ta' skola obbligatorja jew jonqos li jiżgura li l-minuri jkun reġistrat dejjem b'dan il-mod għal kull sena skolastika matul il-perjodu sħiħ li l-minuri jkun ta' età ta' skola obbligatorja jew jonqos li jara li l-minuri jkompli jkun irreġsitrat hekk sa tmiem is-sena skolastika li matulha l-minuri ma jibqax ikun ta' età ta' skola obbligatorja jew sa tmiem perjodu itwal kif il-Ministru jista'

permezz ta' regolamenti jippreskrivi; jew

(b) jonqos li jiżgura, mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti, li l-minuri jattendi l-iskola regolarment kull ġurnata skolastika matul il-perjodu li l-minuri jkun ta' età ta' skola obbligatorja u sa tmiem is-sena skolastika li matulha l-minuri ma jibqax ikun ta' età ta' skola obbligatorja u sa tmiem perjodu itwal kif il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jippreskrivi; jew

(ċ) jonqos li josserva deċiżjoni tal-Bord,

ikun ħati ta' reat u, meta jinstab ħati, jeħel il-pieni stabbiliti għal kontravvenzjonijiet u multa ta' mhux aktar minn mitt euro (€100) għal kull jum li matulu r-reat jibqa' jseħħ fil-każ ta' reat kontinwu:

Iżda l-ebda proċedura kriminali għal xi reat taħt il-paragrafu (b) ma tittieħed sakemm il-ġenitur, fi żmien tlett (3) ijiem mid-data li hu jkun irċieva avviż mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, li titolbu biex jagħti raġuni għall-assenza tal-minuri mill-iskola, ma jonqosx milli jagħti spjegazzjoni tajba u suffiċjenti.

(2) Kull persuna li, wara li tkun ġiet mħarrka biex tidher quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja tonqos, mingħajr ġustifikazzjoni raġunevoli, milli tidher f'xi okkażjoni fejn hi kellha hekk tidher, jew li tonqos mingħajr ġustifikazzjoni raġunevoli milli tosserva ordni maħruġa lilha mill-Kummissarju għall-Ġustizzja jew mill-Bord tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att u teħel, meta tinstab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' bejn mitt euro (€100) u ħames mitt euro (€500) jew priġunerija għal perjodu ta' tliet (3) xhur jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien:

Iżda l-Qorti tal-Maġistrati tista' wkoll toħroġ kwalunkwe ordni ieħor li jista' jidhrilha xieraq.

Reati fir-rigward ta' impjieg ta' minuri.

**60.** Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 58 tkun ħatja ta' reat u, meta tinstab ħatja, teħel il-pieni stabbiliti għal kontravvenzjonijiet u multa ta' mhux aktar minn mitt euro (€100) għal kull jum ta' impjieg tal-minuri.

Reati fir-rigward tat-tmexxija ta' skola mingħajr liċenzja.

**61.** (1) Kull persuna li tistabbilixxi jew tmexxi skola mingħajr liċenzja mid-Diviżjoni tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux aktar minn mitt euro (€100) għal kull jum li matulu r-reat ikompli jseħħ fil-każ ta' reat kontinwu.

(2) Kull persuna li jkollha liċenzja biex twaqqaf u tmexxi skola u li ma tiżgurax li tkun konformi dejjem mal-kondizzjonijiet minimi nazzjonali u kull kondizzjoni imposta mid-Diviżjoni skont kif ikun applikabbli tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux aktar minn mitt euro (€100) għal kull jum li matulu r-reat ikompli jseħħ fil-każ ta' reat kontinwu.

(3) Fil-każ tat-tieni kundanna jew kundanna sussegwenti għal reat li jitwettaq minn xi persuna oħra kontra d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti tista' tawtorizza lid-Diviżjoni, fuq talba tagħha, li tieħu pussess tal-bini miftuħ jew miżmum bħala skola mingħajr liċenzja u dan għal żmien li l-qorti jidhrilha li jkun neċessarju biex twaqqaf lil dik il-persuna milli tkompli tikkommetti reati oħrajn kontra d-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu.

Reati fir-rigward ta' edukazzjoni fid-dar.

**62.** (1) Kull persuna li tipprovdi edukazzjoni d-dar mingħajr liċenzja mid-Diviżjoni tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux aktar minn mitt euro (€100) għal kull jum li matulu r-reat ikompli jseħħ fil-każ ta' reat kontinwu.

(2) Kull persuna li jkollha liċenzja biex tipprovdi edukazzjoni d-dar u li ma tiżgurax li tkun konformi dejjem mal-kondizzjonijiet kollha imposti mid-Diviżjoni, skont kif jistgħu jkunu applikabbli, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux aktar minn mitt euro (€100) għal kull jum li matulu r-reat ikompli jseħħ fil-każ ta' reat kontinwu.

Theddid kontra jew offiżi fuq il-persuna ta' xi għalliem, eċċ

**63.** Kull min jhedded jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' għalliem jew xi uffiċjal ieħor jew impjegat ta' skola jew fuq xi persuna oħra involuta fl-organizzazzjoni ta' attività edukattiva, kulturali, soċjali jew sportiva għal minuri fil-bini ta' skola jew waqt tali attività jew kull meta tali edukatur, uffiċjal jew impjegat ikun fuq xogħol barra mill-bini tal-iskola, jew fil-parametru ta' kilometru mill-bini tal-iskola, teħel, meta tinstab ħatja, il-piena stabbilita għat-theddid jew għal offiża fuq il-persuna, meta dawn isiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, miżjuda b'żewġ gradi u multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (€800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).

Kap. 9.

TAQSIMA VIII

Mixxellanji

Il-Bord għal Materji dwar l-Edukazzjoni.

**64.** (1) Għandu jitwaqqaf Bord li jkun magħruf bħala l-Bord għal Materji dwar l-Edukazzjoni bil-funzjonijiet u d-dmirijiet mniżżlin fl-artikolu 8 u kull funzjoni oħra li l-Ministru jista' jassenjalu permezz ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.

(2) Il-Bord għandu jkun maħtur mill-Ministru u għandu jkun magħmul minn ħames (5) membri. Il-Bord għandu jkun presedut minn chairperson li, fil-fehma tal-Ministru, għandu għarfien xieraq dwar materji relatati mal-edukazzjoni tat-tfal, u li għandu jkun persuna li għandha l-esperjenza meħtieġa sabiex tiġi appuntata maġistrat. Il-membri tal-Bord għandhom jinkludu rappreżentant tal-ġenituri, edukatur, professjonist mill-qasam psikosoċjali u espert fil-qasam speċifiku ta' edukazzjoni inklużiva.

(3) Il-Bord għandu jiġi kostitwit wara li l-Ministru jkun kiseb il-qbil tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità rigward li jiġi żgurat li jkun jinkludi l-perspettiva dwar diżabilità meħtieġa mill-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

(4) Il-membri tal-Bord għandhom jiġu appuntati għal tliet (3) snin imma meta jgħaddi t-terminu jistgħu jerġgħu jiġu appuntati.

(5) Kull membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Ministru minħabba nuqqas ta' ħila li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga, kondotta ħażina professjonali jew imġiba ħażina.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima u għal xi regolamenti magħmulin taħtha, il-Bord għandu jirregola l-proċedura li jaħdem biha.

(7) Il-Bord ikollu s-setgħa li jaħtar esperti li, fl-opinjoni tiegħu, ikun jinħtieġ f'każi partikolari.

(8) Kull deċiżjoni tal-Bord għandha tittieħed b'maġġoranza tal-voti; madankollu f'każ li l-voti jkunu indaqs, iċ-Chairperson ikollu vot deċiżiv.

(9) Deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu bil-miktub u jiġu mibgħuta lill-partijiet kollha involuti.

(10) Il-Ministru għandu jaħtar uffiċjal tad-Diviżjoni biex jagħmilha ta' Segretarju tal-Bord. Is-Segretarju tal-Bord ma jkollux vot.

(11) Ma jkunx hemm ħtieġa ta' assistenza legali biex wieħed jidher quddiem il-Bord u l-Bord għandu jopera b'mod li ma jkunx hemm il-ħtieġa tal-assistenza legali.

(12) Fejn id-Diviżjoni jew il-ġenitur ta' minuri jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord, hu jista' jappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mid-deċiżjoni meħuda mill-Bord skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u kull regolament applikabbli magħmul taħtu.

Kap. 490.

(13) Minkejja li jkun sar appell skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (12), id-deċiżjoni tal-Bord tkun eżekuttiva sa meta tista' tingħata d-deċiżjoni finali ta' xi appell magħmul mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

Reġistratur tal-Eżamijiet.

**65.** Il-Ministru għandu jaħtar Reġistratur tal-Eżamijiet li jkun responsabbli għat-tmexxija ta':

(a) kull eżami f'isem il-provdituri ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla kif jista' jkun mitlub minn tali provdituri;

(b) eżamijiet f'isem provdituri jew korpi tal-eżamijiet lokali jew barranin, kif jista' jkun mitlub minnhom;

(ċ) eżamijiet għal dħul fis-servizz tal-Istat, korporazzjonijiet pubbliċi u sħubijiet kummerċjali li fihom l-Istat ikollu kontroll effettiv:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-Istat jitqies li jkollu kontroll effettiv ta' sħubija kummerċjali meta f'dik is-sħubija aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-kapital jew saħħa tal-vot ikunu ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, mill-Istat; u

(d) kull eżami ieħor li jista' jintalab mill-Ministru.

Bord tal-Eżamijiet Lokali Pubbliċi.

**66.** (1) Għandu jkun hemm bord, li jkun magħruf bħala l-Bord tal-Eżamijiet Lokali Pubbliċi, hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "il-Bord", li jkun responsabbli għal eżamijiet lokali pubbliċi u li jkun magħmul minn ħames (5) membri maħtura mill-Ministru għal perjodu ta' sena (1), li jista' jiġi mġedded. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet jkun membru mingħajr vot fuq il-Bord. Il-Ministru għandu jappunta chairperson minn fost il-membri. Il-Bord tal-Eżamijiet Lokali Pubbliċi jkun regolat bir-regolamenti tiegħu stess.

(2) Il-Bord għandu, b'mod partikolari:

(a) japprova n-notifikazzjoni dipartimentali jew tal-Gvern u l-orarju tal-eżami qabel tali pubblikazzjoni;

(b) jiżgura li eżamijiet jitmexxew f'bini xieraq u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Bord;

(ċ) jieħu azzjoni f'każijiet ta' ksur tar-regolamenti dwar l-eżamijiet u, jew tad-dixxiplina;

(d) japprova kull arranġament dwar aċċess fuq talba tal-persuna li ser tagħmel l-eżami;

(e) japprova l-Panel tal-Eżaminaturi fil-każ ta' eżamijiet bil-miktub u intervisti;

(f) japprova l-amministraturi fil-każ ta' testijiet online rikonoxxuti uffiċjalment;

(g) jifli u jiffirma r-riżultati ta' eżamijiet qabel ma jiġu pubblikati; u

(h) jiżgura li jkun hemm proċess ġust u trasparenti għal reviżjoni ta' karta tal-eżami.

(3) Il-Bord ikollu d-dritt li jwettaq dawk l-ispezzjonijiet li jidhirlu xierqa matul kull stadju tal-proċess tal-eżamijiet.

(4) Il-Bord għandu jiggwida u jipprovdi appoġġ lir-Reġistratur tal-Eżamijiet matul kull stadju tal-proċess tal-eżamijiet kif jidhirlu meħtieġ.

Tagħlim fi skejjel tal-Istat u provdituri pubbliċi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla.

**67.** (1) Fl-iskejjel tal-Istat u provdituri pubbliċi ta' edukazzjoni avvanzata jew ogħla, it-tagħlim kollu għandu jingħata lil ċittadini Maltin mingħajr ma jintalab ħlas. Għalhekk sabiex jiżgura li jkun hemm għal kollox l-għażla ta' skola mill-ġenituri, l-Istat għandu, permezz ta' ftehimiet ta' sussidju ta' skejjel mhux statali, meta dawn ikunu tali li ma jagħmlux qligħ, skont il-mezzi disponibbli tal-fondi pubbliċi, jipprovdi gradwalment għall-istess tagħlim bla ħlas f'dawn l-iskejjel kif ikun offrut lil studenti fl-iskejjel tal-Istat.

(2) Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jippreskrivi l-miżati li għandhom jintalbu għal eżamijiet u korsijiet speċjali u l-miżati li jitħallsu minn studenti li ma jkunux ċittadini Maltin:

Iżda l-Ministru jista' jeżenta xi persuna mill-ħlas ta' dawk il-miżati:

Hekk iżda li, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "korsijiet speċjali" tfisser dan li ġej:

(a) korsijiet part-time kif speċifikati b'dawk ir-regolamenti;

(b) korsijiet li jwasslu għal kwalifika kklassifikata f'livell 7 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew ogħla, ħlief għal dawk il-korsijiet li l-persuni jkunu mistennija li jagħmlu bil-għan li jakkwistaw warrant biex jipprattikaw professjoni skont dan l-Att jew xi liġi oħra; u

(ċ) korsijiet ta' foundation studies offruti mill-Università.

(3) Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jiddetermina rati ta' stipendji li jingħataw lil studenti li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom wara li jkunu lestew l-edukazzjoni sekondarja u jista' jimponi kondizzjonijiet għall-pagament ta' stipendji bħal dawn.

(4) Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jordna li l-ebda miżata ma għandha tintalab għat-tagħlim ta' ċittadini Maltin fi skejjel barra skejjel tal-Istat u meta dawn ikunu tali li ma jagħmlux qligħ u hekk iżda li f'tali każ il-Ministru għandu, qabel ma joħroġ ordni bħal din, jiżgura li l-iskejjel li l-ordni tkun tapplika għalihom ser ikunu f'qagħda li jkomplu jipprovdu s-servizzi tagħhom u għandu jissuplimenta minn fondi pubbliċi l-mezzi finanzjarji ta' dawn l-iskejjel fejn, wara investigazzjonijiet magħmulin flimkien ma' dawn l-iskejjel, tqum ħtieġa bħal din.

**68.** Għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta’ kull dispożizzjoni li għandha x’taqsam ma’ reat kriminali, il-membri tad-Diviżjonijiet, kull Bord, Direttorat, Kulleġġ, Kumitat, Kummissjoni, Kunsill jew xi uffiċjal jew impjegat ta’ xi entità, għandhom jitqiesu u jiġu ttrattati bħala uffiċjali pubbliċi.

Membri ta’ Diviżjonijiet, eċċ., jitqiesu uffiċjali pubbliċi.
Kap. 9.

**69.** (1) Il-Ministru jista’, minn żmien għal żmien, jagħti lil xi waħda mill-entitajiet jew lil xi wieħed mill-uffiċjali jew impjegati tagħha, direttivi u ordnijiet, li ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att, kif il-Ministru jidhirlu li jkun opportun fir-rigward tal-politika li għandha titħaddem minnhom u għat-twettiq u l-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tagħhom, u dwar kull materja oħra li l-Ministru jqis li jkollha x’taqsam mal-edukazzjoni, u l-entità, l-uffiċjal jew l-impjegat kkonċernati għandhom, mingħajr dewmien kemm jista’ jkun, jikkonformaw ma’ u jaġixxu skont dawn id-direttivi u ordnijiet u għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom skont dawn il-prinċipji.

Direttivi u ordnijiet tal-Ministru.

(2) Kull entità għandha tagħti lill-Ministru kull faċilità meħtieġa biex hu jkun jista’ jikseb kull informazzjoni marbuta mal-ħwejjeġ u l-attivitajiet ta’ kull entità, uffiċjal jew impjegat, u għal dan il-għan għandhom jissupplixxu lill-Ministru kull transazzjoni, kontijiet u kull informazzjoni oħra konnessa ma’ dan kollu, jew mal-funzjonijiet tagħhom, u jagħtuh il-faċilitajiet kollha meħtieġa biex jivverifika kull informazzjoni, b’tali mod u f’tali żmien li l-Ministru jista’ jitlob b’mod raġunevoli.

**70.** Il-Ministru jista’, bla ħsara għad dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att, jagħmel regolamenti biex jagħti effett lil kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att, jew biex jirregola jew mod ieħor jipprovdi għal kull ħaġa li għandha x’taqsam mal-funzjonijiet u l-attivitajiet li jaffettwaw l-edukazzjoni skont dan l-Att, u jista’ b’mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta’ dak li ntqal qabel, jagħmel regolamenti għal xi wieħed jew aktar mill-għanijiet li ġejjin:

Setgħa biex isiru regolamenti.

(a) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew ta’ kull liġi oħra li tista’ tkun applikabbli, biex jipprovdi għal kull materja li tista’ tkun meħtieġa, fosthom reklamar, il-proċess ta’ applikazzjonijiet, bordijiet tal-għażla, intervisti, eżamijiet, l-assessjar u l-evalwazzjoni ta’ kandidati, il-pubblikazzjoni ta’ riżultati b’rabta mal-proċess ta’ ħatra jew promozzjoni jew assenjament ta’ kariga lil xi uffiċjal u impjegat ta’ entità, u li jakkwista data neċessarja għar-records tal-istaff tal-entitajiet;

(b) biex jipprovdi għall-ħatra, kondizzjonijiet ta’ xogħol, dmirijiet u setgħat ta’ għalliema, uffiċjali u impjegati tal-entitajiet, kif ukoll ta’ uffiċjali u impjegati ta’ Dipartiment jew aġenzija oħra li jistgħu jkollhom funzjonijiet b’xi liġi oħra li tirrigwarda s-saħħa u t-trattament ta’ tfal u studenti, inklużi

dispożizzjonijiet li jagħtu setgħa lil kull wieħed mill-uffiċjali li jżuru tfal fi djarhom u li jeżaminawhom jew biex jagħmlu xi investigazzjonijiet oħra:

Iżda fir-regolamenti li jirrigwardaw uffiċjali u impjegati ta' Dipartiment jew aġenzija li taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Ministru ieħor, il-Ministru għandu jagħmel dawk ir-regolamenti bl-approvazzjoni tat-tali Ministru ieħor;

(ċ) biex jipprovdi aħjar għad-dmirijiet u l-funzjonijiet ta' Kapijiet, uffiċjali u impjegati u għall-asssenjament ta' dmirijiet f'post jew f'entità skont il-grad jew pożizzjoni tagħhom u għat-trasferiment tagħhom minn post għal ieħor fi ħdan entità;

(d) biex jeħtieġ li ġenituri jagħtu lid-Diretturi Ġenerali, u lil kull Direttur, Kap tan-Network tal-Kulleġġ, Kap ta' Skola, uffiċjal jew impjegat ta' xi entità, kif debitament awtorizzati mid-Diretturi Ġenerali, jew minn xi Kap tan-Network tal-Kulleġġ, tali data dwar it-tfal tagħhom kif ikun neċessarju għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet ta' kull entità u tal-uffiċjali tagħha, inkluża tali data li tista' tkun speċifikata fir-regolamenti;

(e) biex jistabbilixxi, jikkomunika u jeħtieġ it-twettiq tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali ta' studji bla ħsara għan-natura reliġjuża speċifika ta' xi skola;

(f) biex jistabbilixxi l-kwalifiki ta' persuni professjonali, uffiċjali u impjegati oħra tal-entitajiet u skejjel, il-kurrikuli, termini, ġranet u ħinijiet ta' skola, uniformijiet tal-istudenti, ġranet għall-ġenituri, il-kondizzjonijiet minimi nazzjonali tal-iskejjel, u kull materja oħra marbuta ma' jew inċidentali għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet jew għat-tħaddim u l-amministrazzjoni tal-entitajiet u ta' Skejjel tal-Istat u għad-dixxiplina li għandha tinżamm hemmhekk;

(g) biex jistabbilixxi kull miżata u ħlas li jistgħu jkunu dovuti permezz ta' dan l-Att jew taħtu, jew għas-servizzi mogħtija bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(h) biex jagħti direzzjoni għal ħidma aħjar ta' kull professjoni relatata mal-edukazzjoni, inkluż taħriġ inizjali u żvilupp professjonali kontinwu ta' uffiċjali u impjegati ta' entitajiet u biex jistabbilixxi punti ta' riferiment, standards, u jassigura kwalità, inklużi assigurazzjoni ta' kwalità interna u proċessi ta' awditjar estern, f'istituzzjonijiet, skejjel u entitajiet edukattivi;

(i) biex jipprovdi għal kull forma jew proċedura li tista' tkun meħtieġa jew spedjenti u li dwarha ma jkun hemm l-

ebda proċedura speċifika f'dan l-Att;

(j) biex jistabbilixxi regoli li permezz tagħhom il-Gvern jista' jagħti effett lil konvenzjonijiet internazzjonali relatati mal-edukazzjoni u li diġà ġew ratifikati mill-Gvern ta' Malta jew biex jimxi ma' kull obbligu internazzjonali li mistenni mill-Gvern ta' Malta jew ma' Direttivi tal-Unjoni Ewropea fuq kull materja jew qasam li jikkonċerna l-edukazzjoni u t-taħriġ;

(k) biex jistabbilixxi, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Att jew f'xi liġi oħra, statut u regoli biex jirregolaw il-missjoni, il-kamp ta' applikazzjoni, il-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi, kontabilità finanzjarja jew affarijiet oħra, u kull proċedura oħra li għandha tiġi segwita, imwettqa u osservata minn xi entità, Kumitat jew Kunsill stabbiliti minn jew taħt dan l-Att;

(l) biex jipprovdi, bla ħsara wkoll għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, lil xi persuna li tħossha aggravata minn deċiżjoni ta' xi entità, jew xi korp jew organizzazzjoni stabbilita taħt dan l-Att, mezzi u proċeduri jew biex twassal l-ilmenti u l-aggravazzjoni dwar xi deċiżjoni jew biex tikkontesta jew tappella minn xi deċiżjoni u li tkun għalhekk sodisfatta jekk l-appell tagħha jintlaqa';

(m) biex jirregola l-laqgħat ta' xi entità, bord jew kumitat, inklużi proċeduri relatati ma' *quorum*, teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' votazzjoni, żamma ta' minuti u kull materja oħra ančillari għal dawn;

(n) biex jipprovdi għal kull materja inċidentali jew supplimentari, inkluż is-setgħa ta' dħul u spezzjoni f'kull bini jew post fejn isiru l-istruzzjoni u t-tagħlim jew fejn jistgħu jsiru skont dan l-Att, kif il-Ministru jqis spedjenti għall-infurzar ta' kull dispożizzjoni ta' dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu u biex jagħtihom iktar effett;

(o) biex jistabbilixxi kull ħaġa li għandha tkun jew tista' tkun stabbilita taħt dan l-Att u biex jipprovdi għal kull materja oħra li tista' titqies xierqa;

(p) biex jirregola aħjar l-operat u l-għoti ta' servizzi fil-Kulleġġi u fl-iskejjel, inkluża kull materja li għandha x'taqsam mal-persunal, tagħmir, bini, amministrazzjoni, l-użu tal-bini tal-iskejjel wara ħinijiet normali tal-iskola, sħubijiet bejn Kulleġġi u Skejjel tal-Istat, u skejjel mhux Statali u skambji internazzjonali, u parteċipazzjoni fi programmi tal-UE; u

(q) biex jipprovdi għal kull materja relatata mat-

tagħlim tal-Ingliż bħala ilsien barrani.

Tħassir tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Kap. 327.

**71.** Mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni jista', permezz ta' avviż jew avviżi fil-Gazzetta, jistabbilixxi d-data tat-tħassir tal-Att dwar l-Edukazzjoni:

Kap. 327.

Iżda l-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni jista' permezz ta' dak l-avviż jew dawk l-avviżi fil-Gazzetta jistabbilixxi dati differenti għat-tħassir ta' dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti tal-Att dwar l-Edukazzjoni.

---

SKEDA

Dipartimenti tal-Edukazzjoni

(Artikoli 2 u 11)

Dipartiment għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Akkwist tax-Xogħol;

Dipartiment għal Servizzi Edukattivi;

Dipartiment dwar Strateġija u Appoġġ.

---